KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fis-6 ta' Ottubru 2021 [1]

Kawża C-348/20 P

Nord Stream 2 AG
vs
Il-Parlament Ewropew

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Appell – Enerġija – Suq intern tal-gass naturali – Direttiva (UE) 2019/692 – Applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73/KE għal-linji tal-gass lejn jew minn pajjiż terz – Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – *Locus standi* ta' individwu – Inċidenza diretta – Inċidenza individwali – Regoli dwar il-produzzjoni ta' provi quddiem il-qrati tal-Unjoni – Ammissibilità ta' dokumenti interni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni"

I. Introduzzjoni

1. Nord Stream 2 AG (iktar 'il quddiem l-"appellanti") qiegħda tikkontesta d-digriet tal-Qorti Ġenerali [2] li ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tagħha skont l-Artikolu 263 TFUE intiż għall-annullament tad-Direttiva (UE) 2019/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (iktar 'il quddiem il-"miżura kkontestata") [3]. Il-miżura kkontestata għandha l-għan li tiżgura li r-regoli applikabbli għal-linji tat-trażmissjoni tal-gass li jgħaqqdu żewġ Stati Membri jew iktar huma applikabbli wkoll, ġewwa l-Unjoni Ewropea, għal-linji tat-trażmissjoni tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi [4]. F'dak id-digriet, il-Qorti Ġenerali ordnat ukoll li jiġu ssfilzati mill-proċess xi dokumenti prodotti mill-appellanti matul il-proċedura.

2. Dan l-appell iqajjem żewġ kwistjonijiet importanti u distinti ta' natura proċedurali. L-ewwel, individwu jista' jkun *direttament ikkonċernat*, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, minn direttiva? It-tieni, liema kunsiderazzjonijiet għandhom jiggwidaw l-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà ta' *provi* bil-miktub prodotti mill-partijiet fi proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni, b'mod partikolari l-ammissibilità ta' dokumenti interni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni?

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Digriet tal-20 ta' Mejju 2020, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-526/19, EU:T:2020:210) (iktar 'il quddiem id-"digriet appellat").

3 ĠU 2019 L 117, p. 1.

4 Ara, b'mod partikolari, il-premessa 3 tal-miżura kkontestata.

II. Il-kuntest ġuridiku u fattwali

3. Il-kuntest ġuridiku u fattwali tal-kawża preżenti jista' jinġabar fil-qosor kif ġej.

4. Bis-saħħa tal-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-Gass")[5] tistabbilixxi regoli komuni għat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u l-ħażna tal-gass naturali. Tistabbilixxi r-regoli relatati mal-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-settur tal-gass naturali, l-aċċess għas-suq, il-kriterji u l-proċeduri applikabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista u l-ħażna tal-gass naturali u l-operat tas-sistemi.

5. Sabiex jitneħħa kwalunkwe kunflitt ta' interess bejn il-produtturi, il-fornituri u l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, u biex jinħolqu inċentivi għall-investimenti meħtieġa u anki sabiex jiġi ggarantit l-aċċess ta' parteċipanti ġodda fis-suq taħt reġim regolatorju trasparenti u effiċjenti, id-Direttiva dwar il-Gass tipprovdi għas-separazzjoni ta' networks minn attivitajiet ta' produzzjoni u provvista[6]. B'mod partikolari, l-Artikolu 9 ta' din id-direttiva jistabbilixxi obbligu li jiġu sseparati s-sistemi ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni[7]. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar il-Gass tipprovdi wkoll għall-introduzzjoni ta' sistema ta' aċċess ta' terzi nondiskriminatorja għal sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-gass fuq il-bażi ta' tariffi ppubblikati (Artikolu 32), li għandhom jiġu approvati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (Artikolu 41).

6. Taħt l-Artikolu 36 tad-Direttiva dwar il-Gass, infrastruttura ġdida kbira tal-gass, inklużi l-interkonnetturi, jistgħu, fuq talba u taħt ċerti kundizzjonijiet, ikunu eżenti, għal perijodu definit ta' żmien, minn uħud mill-obbligi stabbiliti minn din id-direttiva. Sabiex wieħed jibbenefika minn din l-eżenzjoni, għandu, fost l-oħrajn, jintwera li l-investiment ser itejjeb il-kompetizzjoni fil-provvista tal-gass, itejjeb is-sigurtà tal-provvista, u li l-livell ta' riskju marbut mal-investiment ikun tali li dan l-investiment ma jsirx sakemm tingħata eżenzjoni.

7. L-appellanti hija kumpannija rregolata mid-dritt Svizzeru li l-uniku azzjonist tagħha huwa l-kumpannija b'responsabbiltà limitata pubblika Russa Gazprom. Hija responsabbli għall-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-operat tal-pipeline Nord Stream 2. Il-kostruzzjoni ta' dan il-pipeline bdiet fl-2018 u, fid-data li fiha ġie ppreżentat l-appell f'din il-kawża, kien għadu ma ntemmx. Bħall-pipeline Nord Stream (issa magħruf komunement bħala Nord Stream 1) – li l-kostruzzjoni tiegħu tlestiet fl-2012 – il-pipeline Nord Stream 2 jikkonsisti f'żewġ linji ta' trażmissjoni tal-gass maħsuba biex jiżguraw il-fluss tal-gass bejn Vyborg (ir-Russja) u Lubmin (il-Ġermanja).

8. Fis-17 ta' April 2019, fuq proposta tal-Kummissjoni Ewropea tat-8 ta' Novembru 2017, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw il-miżura kkontestata.

9. Bis-saħħa tal-premessa 3 tal-miżura kkontestata, din id-direttiva trid tindirizza l-ostakli għat-tlestija tas-suq intern tal-gass naturali li rriżultaw min-nuqqas ta' applikazzjoni, sa dakinhar, ta' regoli tas-suq tal-Unjoni għal-linji tat-trażmissjoni tal-gass lejn u minn terzi pajjiżi.

5 ĠU 2009, L 211, p. 94.

6 Ara, b'mod partikolari, il-premessi 6 sa 9 tad-Drettiva dwar il-Gass.

7 Fil-kuntest tal-industriji tan-network, it-terminu "unbundling" (separazzjoni) jintuża biex jirreferi għas-separazzjoni tal-attivitajiet li potenzjalment jistgħu jkunu suġġetti għall-kompetizzjoni (bħall-produzzjoni u l-provvista) minn dawk fejn il-kompetizzjoni jew ma hijiex possibbli jew permessa (bħat-trasport). L-għan tas-separazzjoni huwa biex tipprekludi li l-operaturi tan-networks tas-sistema ta' trażmissjoni jagħtu vantaġġ lill-attivitajiet ta' provvista tagħhom stess, bi żvantaġġ ta' fornituri indipendenti.

10. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 2(17) tad-Direttiva dwar il-Gass, kif emendata bil-miżura kkontestata, jipprevedi li l-kunċett ta' "interkonnettur" ikopri mhux biss "[kull] linja ta' trasmissjoni li taqsam jew tinfirex tul fruntiera bejn l-Istati Membri għall-finijiet li tgħaqqad is-sistema ta' trasmissjoni nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri", iżda issa wkoll, "[kull] linja ta' trasmissjoni bejn Stat Membru u pajjiż terz sat-territorju tal-Istati Membri jew sal-baħar territorjali ta' dak l-Istat Membru".

11. Skont l-Artikolu 49a(1) tad-Direttiva dwar il-Gass, kif miżjud mill-miżura kkontestata, fir-rigward tal-linji tat-trażmissjoni tal-gass bejn Stat Membru u pajjiż terz ikkompletati qabel it-23 ta' Mejju 2019, l-Istat Membru fejn jinsab l-ewwel punt ta' konnessjoni ta' tali linja ta' trażmissjoni man-network ta' dan l-Istat Membru jista', taħt ċerti kundizzjonijiet, jiddeċiedi li jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Gass għas-sezzjonijiet ta' tali linja ta' trażmissjoni tal-gass li jinsabu fit-territorju u l-baħar territorjali tiegħu. Derogi ta' dan it-tip huma limitati għal massimu ta' 20 sena iżda jistgħu jiġġeddu.

12. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-emendi magħmula lid-Direttiva dwar il-Gass bil-miżura kkontestata, l-Artikolu 2 ta' din tal-aħħar jirrikjedi li, b'xi eċċezzjonijiet, l-Istati Membri jġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-direttiva sal-24 ta' Frar 2020, "mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deroga skont l-Artikolu 49a tad-[Direttiva dwar il-Gass]".

III. Proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

13. Permezz tar-rikors tagħha tas-26 ta' Lulju 2019, l-appellanti bdiet azzjoni skont l-Artikolu 263 TFUE quddiem il-Qorti Ġenerali, fejn talbet l-annullament tal-miżura kkontestata.

14. Fir-rikors tagħha, l-appellanti argumentat li l-għanijiet iddikjarati tal-miżura kkontestata, jiġifieri li tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Gass għal pipelines ta' importazzjoni offshore sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern filwaqt li tkun permessa deroga sabiex jiġu protetti l-investimenti eżistenti, fil-fatt ma humiex l-iskop attwali tagħha. Skont l-appellanti, il-miżura kkontestata ġiet adottata għall-iskopijiet ta' skoraġġiment u biex l-operat tal-pipeline Nord Stream 2 jitqiegħed fi żvantaġġ. Bħala tali, il-legalità ta' din il-miżura kienet, fil-fehma tal-appellanti, ivvizzjata bi ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali, bi ksur ta' rekwiżiti proċedurali essenzjali, b'użu ħażin ta' poter u b'nuqqas ta' motivazzjoni.

15. Fl-10 u fil-11 ta' Ottubru 2019, rispettivament, il-Parlament u l-Kunsill, kull wieħed minnhom, qajmu eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tar-rikors. L-appellanti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà fid-29 ta' Novembru 2019, u talbet lill-Qorti Ġenerali tirriserva d-deċiżjoni tagħha sakemm tiddeċiedi dwar il-mertu tal-każ jew, sussidjarjament, tiċħad l-eċċezzjonijiet bħala infondati.

16. Fil-11 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill talab lill-Qorti Ġenerali, bis-saħħa tal-Artikolu 130(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (iktar 'il quddiem it-"talba inċidentali"), biex: (i) tordna li ċerti dokumenti ma jiffurmawx parti mill-proċess jew, fir-rigward tliet dokumenti prodotti mill-appellanti, li jiġu ssfilzati minn dan il-proċess; u (ii) tinjora s-siltiet kollha tar-rikors u l-annessi tiegħu li jirreferu għal dawn id-dokumenti tal-Kunsill li huma kklassifikati bħala "Restreint UE/EU Restricted", li jiddeskrivu l-kontenut tagħhom, jew li jinvokawhom. It-tliet dokumenti prodotti mill-appellanti, li l-Kunsill talab li jiġu ssfilzati, kienu, l-ewwel wieħed,

opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2017 [8] (iktar 'il quddiem l-"Opinjoni tas-Servizz Legali" jew l-"Anness A.14"), it-tieni, Rakkomandazzjoni, ippreżentata mill-Kummissjoni fid-9 ta' Ġunju 2017, għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-operat tal-pipeline Nord Stream 2 (iktar 'il quddiem ir-"Rakkomandazzjoni" jew l-"Anness O.20"), u t-tielet, id-Direttivi tan-Negozjati tat-12 ta' Ġunju 2017, mehmuża mar-Rakkomandazzjoni (iktar 'il quddiem id-"Direttivi tan-Negozjati").

17. Fl-4 ta' Novembru 2019, l-appellanti ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha rigward it-talba inċidentali, fejn talbet lill-Qorti Ġenerali tiċħadha.

18. Fid-29 ta' Novembru 2019, l-appellanti talbet ukoll lill-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 88 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, biex tadotta miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew, jekk xieraq, miżura istruttorja, li tikkonsisti fit-talba lill-appellati biex jipproduċu ċerti dokument miżmuma mill-Kunsill (iktar 'il quddiem it-"talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura"). Din it-talba kienet tirrigwarda l-produzzjoni ta' verżjonijiet *mingħajr tħassir* ta' dawn id-dokumenti, billi verżjoni bi tħassir tagħhom kienet diġà saret disponibbli mill-Kunsill, wara talba għal aċċess skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [9] minn impjegat tal-appellanti. F'dan il-kuntest, l-appellanti annettiet mat-talba tagħha żewġ verżjonijiet mingħajr tħassir tad-dokumenti mitluba li kienet kisbet qabel: ċerti kummenti mill-Gvern Ġermaniż fuq il-proposta għall-miżura kkontestata (iktar 'il quddiem id-"Dokumenti tal-Ġermanja Mingħajr Tħassir" jew l-"Annessi M.26 u M.30").

19. Fis-17 ta' Jannar 2020, il-Parlament u l-Kunsill ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom rigward it-talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura. Fost l-oħrajn, il-Kunsill talab li l-Annessi M.26 u M.30 jiġu ssfilzati mill-proċess.

20. Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Qorti Ġenerali adottat id-digriet appellat. Id-dispożittiv tad-digriet appellat jinqara kif ġej:

"1. Id-dokumenti prodotti minn Nord Stream 2 AG bħala Annessi A. 14 u O. 20 huma rtirati mill-proċess u ma hemmx lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni siltiet mir-rikors u mill-annessi li fihom huma riprodotti estratti minn dawn id-dokumenti.

2. Il-kumplament tat-talba inċidentali mressqa mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa miċħud.

3. Id-dokumenti prodotti minn Nord Stream 2 bħala Annessi M. 26 u M. 30 huma rtirati mill-proċess.

4. Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

5. Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent imressqa mir-Repubblika tal-Estonja, mir-Repubblika tal-Latvja, mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Polonja u mill-Kummissjoni Ewropea.

[8] L-opinjoni hija intitolata, "Recommendation for a Council decision authorising the opening of negotiations on an agreement between the European Union and the Russian Federation on the operation of the Nord Stream 2 pipeline – Allocation of competences and related legal issues" (Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li Tawtorizza l-Ftuħ ta' Negozjati fuq Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-Operat tal-Pipeline Nord Stream 2 – Allokazzjoni ta' Kompetenzi u Kwistjonijiet Legali Relatati".

[9] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

6. Nord Stream 2 hija kkundannata għall-ispejjeż tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mat-talbiet għal intervent.

7. Nord Stream 2, il-Parlament u l-Kunsill kif ukoll ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Polonja u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent."

IV. Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21. Fl-appell tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2020, l-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla d-digriet appellat, b'mod partikolari l-punti 1, 3, 4 u 6 tad-dispożittiv;

– sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-istat tal-proċeduri hekk jippermettu, tiċħad l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, tiddikjara l-azzjoni ammissibbli u tirreferi l-kawża lura lill-Qorti Ġenerali biex tiddeċiedi fuq il-mertu jew, alternattivament, biex tiddikjara li l-miżura kkontestata hija ta' inċidenza diretta għall-appellanti u tirreferi l-kawża lura lill-Qorti Ġenerali biex tiddeċiedi dwar l-inċidenza individwali jew tgħaqqadha mal-mertu; u

– tordna lill-Kunsill u lill-Parlament iħallsu l-ispejjeż tal-appellanti, inklużi l-ispejjeż quddiem il-Qorti Ġenerali.

22. Min-naħa tagħhom, il-Kunsill u l-Parlament (iktar 'il quddiem l-"appellati") jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiċħad l-appell u tordna lill-appellanti tħallas l-ispejjeż.

23. Il-Gvern Estonjan, Latvjan u Pollakk (iktar 'il quddiem l-"intervenjenti"), wara li tħallew jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-appellati, issottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom. L-appellanti ssottomettiet risposta għal dawn l-osservazzjonijiet.

24. Fil-25 ta' Jannar 2021, l-appellanti issottomettiet risposta, u fil-5 ta' Marzu 2021 l-appellati ppreżentaw kontroreplika.

25. Fis-16 ta' Lulju 2021, b'konformità ma' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottata mill-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tal-Artikolu 62(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellanti ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-dokumenti li hija kienet ippreżentat preċedentement quddiem il-Qorti Ġenerali bħala l-Annessi A.14, O.20, M.26 u M.30 (iktar 'il quddiem l-"annessi inkwistjoni").

V. Evalwazzjoni

26. L-appellanti tqajjem żewġ aggravji. L-ewwel aggravju jikkontesta l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tan-nuqqas ta' inċidenza diretta. It-tieni aggravju jirrigwarda d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-dokumenti ssfilzati mill-proċess.

27. Dawn il-konklużjonijiet ser jittrattaw kull wieħed miż-żewġ aggravji fl-ordni li fiha huma ppreżentati mill-appellanti. Għaldaqstant, l-ewwel ser neżamina l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fir-rigward ta' jekk l-appellanti kinitx direttament ikkonċernata mill-miżura kkontestata (A). It-tieni, ser neżamina d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali rigward ċerti dokumenti u informazzjoni sottomessi mill-appellanti (B).

A. L-ewwel aggravju: inċidenza diretta

28. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, dirett kontra l-punti 102 sa 124 tad-digriet appellat, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat u applikat ir-rekwiżit ta' inċidenza diretta u, bħala konsegwenza, meta kkonstatat li l-appellanti ma kellhiex *locus standi* sabiex tikkontesta l-miżura kkontestata. L-ewwel aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

1. L-argumenti tal-partijiet

29. Fl-*ewwel parti* tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi bbażat ruħha primarjament fuq il-fatt li l-miżura kkontestata hija *direttiva* biex tasal għall-konklużjoni li ma affettwatx direttament il-pożizzjoni tagħha. Fil-fehma tal-appellanti, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li dak li jgħodd għall-finijiet tal-Artikolu 263 TFUE huwa l-kontenut tal-miżura, u mhux il-forma tagħha. F'dan ir-rigward, l-appellanti tindika diversi każijiet fejn il-qrati tal-Unjoni ddikjaraw azzjonijiet għal annullament kontra direttivi bħala ammissibbli.

30. Fit-*tieni parti* tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli kkonkludiet li l-miżura kkontestata ħalliet lill-awtoritajiet nazzjonali marġni ta' diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-miżura kkontestata fir-rigward ta': (i) l-obbligi tas-separazzjoni previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-Gass, (ii) ir-reġim ta' eżenzjoni stabbilit fl-Artikolu 36 tad-Direttiva dwar il-Gass, u (iii) ir-reġim ta' deroga stabbilit fl-Artikolu 49a tad-Direttiva dwar il-Gass. Fil-fehma tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa jekk il-miżura kkontestata ħallietx xi diskrezzjoni *ġenwina* lill-Istati Membri f'dan ir-rigward. Fl-aħħar nett, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina jekk id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess ta' terzi (l-Artikolu 32 tad-Direttiva dwar il-Gass) u r-regolamentazzjoni tat-tariffi (l-Artikolu 41 tad-Direttiva dwar il-Gass) jaffettwawx il-pożizzjoni legali tagħha.

31. Min-naħa tagħhom, l-appellati, sostnuti mill-intervenjenti kollha, jiddefendu r-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali biex teskludi l-inċidenza diretta. B'mod partikolari, dawn il-partijiet jenfasizzaw li direttiva ma tistax, *minnha nnifisha*, tipproduċi effetti legali fil-konfront ta' individwi sakemm ma tkunx ġiet trasposta fid-dritt nazzjonali. Dawn il-partijiet isostnu wkoll li d-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-miżura kkontestata msemmija mill-appellanti ma setgħux jaffettwaw direttament lil din il-kumpannija peress li, biex isiru operattivi, huma kienu jeħtieġu l-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni fuq livell nazzjonali.

2. Analiżi

32. Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, l-ammissibbiltà ta' rikors ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika kontra att li ma huwiex indirizzat lil dik il-persuna tista' tinqala' f'żewġ sitwazzjonijiet. L-ewwel, tali proċeduri jistgħu jinbdew jekk l-att jikkonċerna direttament u individwalment lil din il-persuna. It-tieni, hija tista' tagħmel azzjoni kontra att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni jekk dan l-att ikun jikkonċernaha direttament.

33. Huwa aċċettat bejn il-partijiet li l-miżura kkontestata ma hijiex "att regolatorju" fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, iżda att leġiżlattiv[10]. Il-*locus standi* tal-appellanti għandha, għaldaqstant, tiġi eżaminata skont l-ewwel xenarju msemmi fil-punt preċedenti: l-azzjoni magħmula mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali hija ammissibbli jekk din il-kumpannija hija kemm *direttament* kif ukoll *individwalment* ikkonċernata mill-miżura kkontestata. Peress li l-Qorti Ġenerali waslet għall-konklużjoni li l-appellanti ma kinitx direttament ikkonċernata, hija ma komplietx teżamina l-kwistjoni ta' inċidenza individwali.

34. Fit-taqsimiet li jmiss, l-ewwel ser nispjega għaliex ma nsibx konvinċenti r-raġunijiet mogħtija fid-digriet appellat. Dawn ir-raġunijiet jistgħu jinġabru f'żewġ gruppi: dawk ta' natura sistemika, iktar astratta u teoretika (a), u dawk marbuta mas-sitwazzjoni speċifika tal-appellanti (b). Sussegwentement, ser nispjega kif il-Qorti Ġenerali naqset milli tindirizza ċerti argumenti mressqa mill-appellanti (c). Il-konklużjoni li niġbed minn dak li ntqal iktar 'il fuq hija li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat u applikat ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għas-sitwazzjoni inkwistjoni.

a) Il-miżura kkontestata hija direttiva u għalhekk ma tistax tiġi kkontestata minn individwu

35. L-ewwel grupp ta' raġunijiet tal-Qorti Ġenerali jirrigwarda kunsiderazzjonijiet ta' natura sistemika: il-miżura kkontestata ma tistax tkun ta' inċidenza diretta għall-appellanti minħabba li hija *direttiva*.

36. Is-siltiet rilevanti tad-digriet appellat jaqraw kif ġej: direttiva "ma tistax, minnha nnifisha, toħloq obbligi fuq individwu u għalhekk ma tistax tiġi invokata, inkwantu tali, mill-awtoritajiet nazzjonali kontra operaturi fl-assenza ta' miżuri ta' traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva adottati minn qabel minn dawn l-awtoritajiet. […] Għalhekk, indipendentement mill-kwistjoni jekk dawn humiex ċari u suffiċjentement preċiżi, id-dispożizzjonijiet tad-direttiva kkontestata ma jistgħux preċedentement għal, u indipendentement minn, l-adozzjoni ta' miżuri statali ta' traspożizzjoni, ikunu sors dirett u immedjat ta' obbligi fuq [l-appellanti] u li jistgħu, f'dan ir-rigward, jaffettwaw direttament is-sitwazzjoni legali tagħha fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE […] [Barra minn hekk] id-direttiva kkontestata, inkwantu tali u sa mid-dħul fis-seħħ tagħha, ma tipproduċix effetti immedjati u konkreti fuq is-sitwazzjoni legali ta' operaturi, [bħall-appellanti] u, fi kwalunkwe każ, mhux qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni previst fl-Artikolu 2(1) tagħha"[11].

37. Jiena nqis li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt huwa żbaljat.

[10] Ara wkoll il-punt 82 tad-digriet appellat.

[11] Punti 106 sa 108 tad-digriet appellat.

38. L-ewwel nett, id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ma tantx jistgħu jiġu rrikonċiljati wisq mal-ġurisprudenza mfakkra iktar kmieni fid-digriet appellat, li skontha s-sempliċi fatt li individwu jippreżenta rikors għal annullament kontra direttiva ma hijiex raġuni biżżejjed biex tali azzjoni tiġi ddikjarata inammissibbli. Il-Qorti Ġenerali żiedet tgħid li azzjoni hija għalhekk ammissibbli jekk *direttiva* tkun ta' inċidenza diretta u individwali għall-applikanti jew jekk tikkostitwixxi att regolatorju li huwa ta' inċidenza diretta għaliha u ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni [12].

39. Naqbel ma' dawn il-prinċipji. Madankollu, jikkontradixxu d-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, riprodotti fil-punt 36 iktar 'il fuq. Fil-fatt, dak li tgħid il-qorti tal-ewwel istanza jirriżulta fl-esklużjoni tal-*locus standi* ta' rikorrenti individwali biex jikkontestaw *kwalunkwe* direttiva. Fir-rigward ta' dan it-tip ta' att, inċidenza diretta qatt ma tkun tista' tiġi stabbilita billi, fihom innifishom, id-direttivi *kollha* (i) jeħtieġu xi miżura ta' traspożizzjoni, (ii) qabel it-traspożizzjoni ma jistgħux jimponu obbligi fuq individwi u jiġu invokati kontrihom mill-awtoritajiet nazzjonali [13]. Dan tal-aħħar huwa *a fortiori* veru qabel ma jiskadi l-perijodu mogħti għat-traspożizzjoni fid-direttiva nnifisha.

40. Madankollu, ma nemminx li huwa possibbli, f'termini kunċettwali, li l-*inċidenza diretta* tiġi effettivament ekwiparata mal-*effett dirett*. Għalkemm iż-żewġ kunċetti għandhom ċerti similaritajiet, huma madankollu ontoloġikament differenti u jaqdu skop differenti. Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ma jirrikjedix li l-att ikkontestat ikollu effett dirett, wisq inqas li jkun jista' jiġi invokat mill-awtoritajiet kontra individwi. Din id-dispożizzjoni teħtieġ biss li l-att ikkontestat "jipproduċ[i]effetti legali fil-konfront ta' partijiet terzi".

41. L-aħħar kunċett huwa, madankollu, differenti u, b'mod ġenerali, loġikament ta' kategorija ħafna usa' mill-effett dirett. Kif iddikjarat fil-ġurisprudenza, il-kundizzjoni li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun ikkonċernata direttament mid-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors, kif prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, teħtieġ li żewġ kriterji jkunu ssodisfatti fl-istess ħin, jiġifieri li l-miżura kkontestata, minn naħa, tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tal-individwu u, min-naħa l-oħra, ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha, liema implimentazzjoni tkun ta' natura purament awtomatika u tirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni stess, mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra [14].

42. F'din il-kawża, il-miżura kkontestata *tista' tipproduċi effetti legali* billi testendi l-ambitu tar-regoli tad-Direttiva dwar il-Gass għal sitwazzjonijiet u destinatarji li qabel ma kinux maqbuda minn dawk ir-regoli. Huwa daqstant ċar li, b'riżultat ta' din l-estensjoni, il-*pożizzjoni legali* tal-appellanti *tinbidel*: korp iddettaljat ta' regoli, li jirregolaw l-attivitajiet tagħha, sar applikabbli għall-attivitajiet tagħha. Il-qofol tal-kwistjoni huwa realment jekk din il-bidla fil-pożizzjoni tal-appellanti toħroġx direttament mill-miżura kkontestata jew, għall-kuntrarju, jekk tistax tkun ir-riżultat tal-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni fuq livell nazzjonali.

12 Punti 78 u 79 tad-digriet appellat.

13 Dan huwa ċertament minnu fir-rigward tal-prinċipju ġenerali; fil-prattika, madankollu, anki qabel jew fin-nuqqas tat-traspożizzjoni tagħhom, id-direttivi jistgħu (i) jagħtu lok għal effett ta' imblukkar fuq l-awtoritajiet nazzjonali li jista' jkollu effett negattiv fuq individwi – sentenza tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie (C-129/96, EU:C:1997:628, punti 35 sa 50); jew (ii) jiġġeneraw effetti inċidentali fuq partijiet terzi – sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Wells (C-201/02, EU:C:2004:12, punti 54 sa 61), u tat-30 ta' April 1996, CIA Security International (C-194/94, EU:C:1996:172, punti 40 sa 55); jew (iii) twassal għal interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali f'konformità ma' direttiva bħal din li tista' tkun għad-detriment għal individwu – ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' April 2016, DI (C-441/14, EU:C:2016:278, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitat). L-enfasi hija tiegħi.

43. F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 41 iktar 'il fuq timplika, essenzjalment, li, biex ikun hemm inċidenza diretta, l-effetti legali tal-att ikkontestat għandhom jiġu prodotti mill-att innifsu, *awtomatikament*, mingħajr ma l-adozzjoni sussegwenti ta' kwalunkwe miżura oħra, kemm mill-Unjoni Ewropea jew mill-Istati Membri, ma tkun meħtieġa għal dak il-għan. Għaldaqstant, il-kundizzjoni ta' inċidenza diretta tiġi ssodisfatta meta tkun tista' tiġi stabbilita l-eżistenza ta' *rabta kawżali diretta* bejn l-att ikkontestat tal-Unjoni u l-bidla fil-pożizzjoni legali tal-applikant. Il-kundizzjoni ta' inċidenza diretta ma tkunx issodisfatta jekk ikun hemm xi intervent addizzjonali, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mill-awtoritajiet nazzjonali, li tista' tikser din ir-rabta [15].

44. Huwa sinjifikattiv li din l-evalwazzjoni ma tistax issir b'mod astratt, billi tibbaża ruħha biss fuq it-tip ta' att li qiegħed jiġi kkontestat. Jeħtieġ eżami, b'mod partikolari, tal-iskop, il-kontenut, l-ambitu, is-sustanza tal-miżura speċifika kkontestata u l-kuntest legali u fattwali li fih ġiet adottata din il-miżura [16]. Kif qal dan l-aħħar l-Avukat Ġenerali Hogan, meta eżamina l-effetti ta' miżura fuq is-sitwazzjoni legali ta' persuna fiżika jew ġuridika, il-qrati tal-Unjoni adottaw "approċċ olistiku u prammatiku [li] [j]iffavorixxi s-sustanza fuq il-forma" [17].

45. Dawn il-prinċipji huma applikabbli għal *kwalunkwe* att tal-Unjoni li jista' jiġi kkontestat quddiem il-qrati tal-Unjoni, tkun xi tkun il-forma tiegħu, u irrispettivament mill-isem li jingħatalu jew it-tikketta mwaħħla fuqu. Kif iddikjaraw b'mod konsistenti l-qrati tal-Unjoni, "il-forma li fiha dawn l-atti jew deċiżjonijiet huma fformulati hija, bħala prinċipju, *immaterjali*" fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk jistgħux jiġu kkontestati f'azzjoni għal annullament [18]. Fil-fatt, sabiex jiġi ddeterminat jekk att ikkontestat jipproduċix effetti legali vinkolanti għall-finijiet tal-Artikolu 263 TFUE, "għandha tiġi studjata s-*sustanza* ta' dan l-att u għandhom jiġu evalwati l-imsemmija effetti fid-dawl ta' kriterji oġġettivi, bħall-kontenut ta' dan l-istess att, filwaqt li jittieħed kont, fejn xieraq, tal-kuntest tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar kif ukoll tas-setgħat tal-istituzzjoni li tkun adottatu" [19].

46. Għaldaqstant, il-fatt li l-miżura kkontestata hija *direttiva* ma jeskludix li tista' tkun ta' inċidenza diretta għall-appellanti.

47. Huwa veru, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ta' din il-forma ta' leġiżlazzjoni skont l-Artikolu 288 TFUE, li jkun rari ħafna li xi dispożizzjoni ta' direttiva tissodisfa, fir-rigward ta' individwu, ir-rekwiżit ta' inċidenza diretta. Madankollu, *rari ħafna* hija kategorija differenti minn *sistematikament eskluża*, kif jimplika r-raġunament tal-Qorti Ġenerali. Jekk id-*dictum* trasversali tal-Qorti tal-Ġustizzja, li s-sustanza għandha tipprevali fuq il-forma, għandu jiġi osservat [20], allura t-tip ta' sors tad-dritt tal-Unjoni magħżul ma jistax, *in abstracto* u fih innifsu, jiddetermina minn

15 Ara, b'riferiment għall-ġurisprudenza rilevanti u d-duttrina legali, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Région de Bruxelles-Capitale vs Il-Kummissjoni (C-352/19 P, EU:C:2020:588, punt 48).

16 F'dan is-sens, ara, *inter alia*, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (C-872/19 P, EU:C:2021:507, punt 66).

17 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenrali Hogan fil-kawża Il-Venezwela vs Il-Kunsill (C-872/19 P, EU:C:2021:37 punt 105).

18 Ara s-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni (60/81, EU:C:1981:264, punt 9), u tat-12 ta' Settembru 2006, Reynolds Tobacco *et* vs Il-Kummissjoni (C-131/03 P, EU:C:2006:541). L-enfasi hija tiegħi. Iktar reċenti, f'dan is-sens, ara s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2019, International Management Group vs Il-Kummissjoni (C-183/17 P u C-184/17 P, EU:C:2019:78, punt 51), u d-digriet tat-2 ta' Settembru 2020, ENIL Brussels Office *et* vs Il-Kummissjoni (T-613/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:382, punt 25).

19 Ara, fost ħafna oħrajn, is-sentenzi tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (C-575/18 P, EU:C:2020:530, punt 47). L-enfasi hija tiegħi.

20 Bl-istess approċċ jiġi applikat ukoll fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra, bħall-eżistenza ta' att li jista' jiġi kkontestata skont l-Artikolu 263 TFUE – ara, pereżempju, is-sentenza tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 19).

qabel in-natura tas-sustanza tiegħu. Fil-fatt, ġurisprudenza stabbilita sew ikkonfermat li l-possibbiltà li xi dispożizzjonijiet ta' direttiva jkunu ta' inċidenza diretta għal individwu partikolari ma tistax tiġi eskluża għalkollox [21].

48. F'dan ir-rigward, huwa immaterjali li ċerti effetti tal-miżura kkontestata ma kinux ġew attivati fiż-żmien meta l-appellanti għamlet l-azzjoni minħabba li t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha kien għadu ma skadiex. Skont il-ġurisprudenza, il-fatt li l-effetti ta' att ma jimmaterjalizzawx sakemm data sussegwenti ddeterminata fl-istess att ma jipprekludix individwu milli jkun affettwat direttament minnu bħala riżultat ta' obbligu involut f'dan l-att [22].

49. Wara kollox, li kieku wieħed kellu jħaddan ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward, kważi ebda direttiva qatt ma tkun tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati tal-Unjoni. Il-perijodu għat-traspożizzjoni mogħti lill-Istati Membri huwa prattikament dejjem itwal mill-perijodu ta' xahrejn li fihom jinbdew proċeduri previsti fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE [23]. L-approċċ tal-Qorti Ġenerali huwa, fil-fatt, kontradett minn diversi deċiżjonijiet tal-qrati tal-Unjoni, li fihom il-kontestazzjoni kontra direttiva kienet meqjusa bħala ammissibbli, minkejja li tressqet *qabel* l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-direttiva [24].

50. Fl-aħħar nett, jeħtieġ nagħmel ftit rimarki tal-għeluq fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet magħmula fil-punti 108 u 109 tad-digriet appellat.

51. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali sabet li l-effetti legali allegati mill-appellanti ma humiex biżżejjed biex jistabbilixxu inċidenza diretta. Dawn huma "unikament il-konsegwenza tal-għażla [tal-appellanti] li tiżviluppa u li żżomm l-attività tagħha fit-territorju tal-Unjoni". Madankollu, jiena ma nifhimx għalfejn kumpannija ma titħallhiex tikkontesta miżura tal-Unjoni li taffettwa l-pożizzjoni tagħha, sempliċement għaliex, fit-teorija, tista' tittasferixxi ruħha f'pajjiż barra l-Unjoni, u b'hekk taħrab mill-firxa tar-regoli tas-suq intern. L-Artikolu 263 TFUE jirrikjedi li l-att jipproduċi effetti legali sabiex ikun miftuħ għall-kontestazzjoni, mhux għall-effetti legali "inevitabbli".

52. Fost affarijiet oħra, id-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma tantx tista' tiġi rrikonċiljata mad-dritt għal rimedju effettiv li l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") jiżgura lil "kulħadd" (u mhux biss lil persuni fiżiċi u ġuridiċi li huma "sfurzati" jibqgħu fl-Unjoni), u bil-libertà tal-intrapriża u d-dritt għall-proprjetà rrikonoxxuti, rispettivament, fl-Artikoli 16 u 17 tal-Karta. Kieku wieħed kellu jieħu r-raġunament tal-Qorti Ġenerali għall-estrem, prattikament l-ebda kumpannija qatt ma tkun tista' tikkontesta miżura tal-Unjoni: kumpanniji jistgħu, bħala prinċipju, dejjem jittrasferixxu ruħhom barra l-Unjoni.

53. Il-ġurisprudenza msemmija mill-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt ma tidhirx li hija rilevanti. Il-kawża ċċitata – Air Transport Association of America *et* – ma tirrigwardax kwistjoni ta' proċedura bħal din imqajma minn dawn il-proċeduri (l-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament minn individwu), iżda minflok tirrigwarda kwistjoni ta' sustanza (il-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li

21 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tas-7 ta' Ottubru 2009, Vischim vs Il-Kummissjoni (T-420/05, EU:T:2009:391, punti 67, 78 u 79); tas-7 ta' Ottubru 2009, Vischim vs Il-Kummissjoni (T-380/06, EU:T:2009:392, punti 57 sa 59); u tat-2 ta' Marzu 2010, Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-16/04, EU:T:2010:54, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-25 ta' Settembru 2015, PPG u SNF vs ECHA (T-268/10 RENV, EU:T:2015:698, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Ara wkoll l-Artikoli 58 sa 60 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

24 Ara *inter alia* id-digriet tat-13 ta' Ottubru 2006, Vischim vs Il-Kummissjoni (T-420/05 RII, EU:T:2006:304, punt 33).

tadotta miżuri li xi kumpanniji kkunsidraw li għandhom ċerti effetti extraterritorjali)[25]. Forsi b'mod iktar rilevanti, il-qrati tal-Unjoni għamluha ċara li l-eżistenza ta' inċidenza diretta ma hijiex eskluża mill-fatt li l-impatt tal-pożizzjoni legali tar-rikorrenti mill-att tal-Unjoni inkwistjoni huwa wkoll ir-riżultat ta' ċerti għażliet magħmula mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati[26], jew li r-rikorrent jista' jevita l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-kontestazzjoni tal-att tal-Unjoni billi juża azzjonijiet differenti[27].

54. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ddikjarat fil-punt 109 tad-digriet appellat li "jekk wieħed jaċċetta l-perspettiva [tal-appellanti] li s-sitwazzjoni legali tagħha ġiet direttament affettwata mid-dħul fis-seħħ tad-direttiva kkontestata, minħabba li l-operat tal-[pipeline Nord Stream 2] kien altrimenti evita l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2009/73, ikun ifisser li, kull darba li l-Unjoni tilleġiżla mill-ġdid f'qasam billi tissuġġetta operaturi għal obbligi li għalihom huma ma kinux suġġetti preċedentement, din il-leġiżlazzjoni, minkejja li tkun ġiet adottata fil-forma ta' direttiva u skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, taffettwa neċessarjament u direttament l-operaturi fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE." Il-Qorti Ġenerali żiedet tgħid li tali pożizzjoni tikkontradixxi l-kliem tal-Artikolu 288 TFUE, li jgħid li d-direttivi jirrikjedu miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni.

55. Wara li spjegajt diġà għaliex id-direttivi ma humiex, bħala prinċipju, esklużi minn kontestazzjoni skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ma għandix għalfejn nerġa' nirrepeti l-argumenti tiegħi dwar dan il-punt. Inżid ngħid biss li l-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali tkun tfisser ukoll li l-intitolament ta' rikorrenti mhux ipprivileġġati li jitolbu l-annullament ta' miżura ta' preġudizzju skont il-proċeduri tal-Artikolu 263 TFUE jista' faċilment jixxejjen mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, permezz tal-espedjent li din il-miżura tiġi adottata bħala "direttiva"[28].

56. Is-suġġeriment tal-Qorti Ġenerali li jkun faċli wisq għar-rikorrenti privati li jikkontestaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jekk wieħed kellu jaċċetta l-argument tal-appellanti dwar inċidenza diretta jista', għalhekk, jitwarrab billi titfakkar id-differenza bejn il-kunċett ta' "inċidenza diretta" u dak ta' "inċidenza individwali". Dawn iż-żewġ rekwiżiti, naturalment kumulattivi, għandhom rwol differenti fil-kuntest tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. L-inċidenza diretta hija maħsuba biex jiġi vverifikat jekk il-pożizzjoni tar-rikorrent hijiex affettwata *immedjatament*. L-inċidenza individwali hija maħsuba biex tiddetermina jekk ir-rikorrent huwiex affettwat *minħabba ċirkustanzi speċifiċi* li jiddistingwuh minn kwalunkwe persuna oħra li tista' tkun affettwata wkoll.

57. Huwa għalhekk it-twettiq ta' dan l-aħħar kriterju – li, fi kliem sempliċi, jirrikjedi li r-rikorrent ikun f'pożizzjoni ekwivalenti għal dik ta' destinatarju tal-miżura[29] – li jeskludi sitwazzjoni bħal dik li beżgħet minnha l-Qorti Ġenerali. Tabilħaqq, leġiżlazzjoni ġdida (kemm jekk tkun fil-forma ta' regolament jew ta' direttiva) tista' taffettwa diversi operaturi ekonomiċi. Madankollu, dawk biss li

25 Ssentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 (C-366/10, EU:C:2011:864, punti 127 u 128).

26 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2008:159, punti 41 sa 64), tal-15 ta' Diċembru 2005, Infront WM vs Il-Kummissjoni (T-33/01, EU:T:2005:461, punti 114 sa 150); u tal-25 ta' Ottubru 2011, Microban International u Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni (T-262/10, EU:T:2011:623, punt 28).

27 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (C-872/19 P, EU:C:2021:507, punt 71).

28 Kif tindika l-Qorti Ġenerali stess, abbażi ta' ġurisprudenza stabbilita sew, fil-punt 78 tad-digriet appellat. Ara wkoll is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-16/04, EU:T:2010:54, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata). Iktar reċentement, ara b'analoġija l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan fil-kawża Il-Venezwela vs Il-Kunsill (Jekk Stat terz huwiex affettwat) (C-872/19 P, EU:C:2021:37, punt 119).

29 Ara, bl-istess mod, Lenaerts, K., Maselis, I. u Gutman, K., EU Procedural Law, Oxford University Press, Oxford, 2014, paġni 768 u 769.

jissodisfaw il-"formula tal-kawża Plaumann"[30] stretta jistgħu jiġu rrikonoxxuti bħala li għandhom *locus standi* skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Ir-riskju li tinħoloq *actio popularis* kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, evokata mill-Qorti Ġenerali, huwa għalhekk manifestament barra minn loku.

58. Fil-qosor, fil-fehma tiegħi, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appellanti hija fondata. Madankollu, din il-konstatazzjoni waħedha ma hijiex biżżejjed biex id-digriet appellat jiġi annullat. Fil-fatt, kif imsemmi iktar 'il fuq, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali dwar nuqqas ta' inċidenza diretta tistrieħ ukoll fuq grupp ieħor ta' raġunijiet.

b) L-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom diskrezzjoni fit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-direttiva

59. It-tieni grupp ta' raġunijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali biex teskludi inċidenza diretta huwa marbut mal-pożizzjoni speċifika tal-appellanti u l-kontenut tad-dispożizzjonijiet legali invokati. Fil-paragrafi 111 sa 123 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali eskludiet l-inċidenza diretta għar-raġuni li d-dispożizzjonijiet tal-miżura kkontestata, li l-appellanti kkunsidrat li jaffettwaw il-pożizzjoni legali tagħha, kienu jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni fuq livell nazzjonali.

60. F'din il-parti tar-raġunament tagħha, il-Qorti Ġenerali applikat it-test għal inċidenza diretta, minkejja r-riżervi preċedenti tagħha stess ibbażati fuq il-fatt li l-istrument huwa direttiva. Madankollu, fir-rigward ta' din il-parti tad-digriet appellat, għal darba oħra ma nistax naqbel mal-Qorti Ġenerali.

61. Wieħed għandu jiftakar li l-kriterju relatat man-nuqqas ta' miżuri ta' implimentazzjoni ma jfissirx li *kwalunkwe* att ta' implimentazzjoni immedjatament u neċessarjament jeskludi inċidenza diretta. B'mod partikolari, kif ġustament innutat fil-paragrafi 102 u 103 tad-digriet appellat, il-kundizzjoni ta' inċidenza diretta hija ssodisfatta, *inter alia*, fejn jeżistu miżuri ta' implimentazzjoni iżda, fir-realtà, l-awtoritajiet rilevanti ma għandhom l-*ebda diskrezzjoni ġenwina* dwar il-mod li bih l-att ewlieni tal-Unjoni għandu jiġi implimentat. Kif iddikjara l-Avukat Ġenerali Wathelet, sabiex tiġi eskluża l-inċidenza diretta, "il-marġni ta' diskrezzjoni tal-awtur tal-att intermedjarju intiż li jimplementa l-att tal-Unjoni ma jistax ikun purament formali. Dan irid ikun is-sors tal-interess ġuridiku tar-rikorrent"[31].

62. Hemm ġurisprudenza abbundanti li turi dak il-punt. Pereżempju, instab li teżisti inċidenza diretta f'ċirkustanzi fejn l-att tal-Unjoni inkwistjoni rregola *b'mod* eżawrjenti l-*mod* li bih l-awtoritajiet nazzjonali kienu meħtieġa jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom[32] jew ir-*riżultat* li kellu jinkiseb, irrispettivament mill-kontenut tal-mekkaniżmi speċifiċi li l-awtoritajiet nazzjonali

30 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (25/62, EU:C:1963:17, p. 107), u, iktar reċenti, tas-17 ta' Settembru 2015, Mory *et* vs Il-Kummissjoni (C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 93).

31 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni (C-133/12 P, EU:C:2013:336, punt 41). Iċċitati recentement ukoll fis-sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, Banco Cooperativo Español vs SRB (T-323/16, EU:T:2019:822, punt 51).

32 Ara s-sentenzi tas-6 ta' Novembru 1990, Weddel vs Il-Kummissjoni (C-354/87, EU:C:1990:371, punt 19), u tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 70).

stabbilixxew biex jiksbu dak ir-riżultat [33]; fejn ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali kien estremament minuri u ta' natura klerikali [34] jew purament mekkaniku [35]; jew fejn l-Istati Membri kienu prinċipalment qegħdin jadottaw miżuri anċillari addizzjonali għall-att tal-Unjoni inkwistjoni [36].

63. Barra minn hekk, il-qrati tal-Unjoni Ewropea ddikjaraw ukoll li l-kwistjoni dwar jekk rikorrent huwiex direttament ikkonċernat minn miżura tal-Unjoni li ma hijiex indirizzata lilu għandha tiġi eżaminata wkoll "fid-dawl tal-iskop ta' din il-miżura" [37]. Dan ifisser li huwa irrilevanti jekk effetti oħra tal-att tal-Unjoni kkontestat jistgħux, fil-prattika, jibdew jeżistu biss *wara* l-adozzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni, sa fejn l-effetti legali invokati mir-rikorrent joħorġu direttament u awtomatikament minn dan l-att [38].

64. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali fehmet sew il-loġika li tirfed din il-ġurisprudenza f'waħda mid-deċiżjonijiet imgħoddija tagħha: "fejn miżura [tal-Unjoni] hija indirizzata lil Stat Membru minn istituzzjoni, jekk l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Istat Membru b'reazzjoni għall-miżura hija awtomatika jew hija, fi kwalunkwe każ, *konklużjoni ovvja*, allura l-miżura hija ta' inċidenza diretta għal kwalunkwe persuna affettwata minn dik l-azzjoni. […] Fi kliem ieħor, il-miżura inkwistjoni ma għandhiex tiddependi għall-effett tagħha fuq l-eżerċizzju ta' setgħa diskrezzjonali minn parti terza, sakemm ma jkunx ovvju li tali setgħa neċessarjament trid tiġi eżerċitata b'mod partikolari" [39].

65. Għal darba oħra, kif diġà sostnut iktar 'il fuq [40], il-qofol tal-approċċ huwa s-sustanza u mhux il-forma: jekk, wara l-adozzjoni tal-miżura tal-Unjoni u ġejja direttament minnha, l-att li iktar tard jiġi adottat fil-livell nazzjonali huwa diġà konklużjoni ovvja, ikun pjuttost formalistiku li jiġi ssuġġerit li l-individwu għandu xorta madankollu jistenna ġimgħat, xhur, jew saħansitra snin biex jikkontesta, f'din is-sitwazzjoni, permezz ta' deċiżjoni preliminari, il-kontenut tal-miżura li kien diġà magħruf qabel [41].

66. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li l-motivazzjoni esposta fil-punti 111 sa 123 tad-digriet appellat għandha tiġi eżaminata.

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2008:159, punt 62), u tas-17 ta' Frar 2011, FIFA vs Il-Kummissjoni (T-385/07, EU:T:2011:42, punt 41).

34 Ara s-sentenza tat-13 ta' Mejju 1971, International Fruit Company *et* vs Il-Kummissjoni (41/70 sa 44/70, EU:C:1971:53, punti 23 sa 26). F'dan is-sens, ara wkoll is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, Banco Cooperativo Español vs SRB (T-323/16, EU:T:2019:822, punti 60 sa 63).

35 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Koninklijke FrieslandCampina (C-519/07 P, EU:C:2009:556, punt 49), tas-26 ta' Settembru 2000, Starway vs Il-Kunsill (T-80/97, EU:T:2000:216, punti 61 sa 65); tal-1 ta' Lulju 2009, ISD Polska *et* vs Il-Kummissjoni (T-273/06 u T-297/06, EU:T:2009:233, punt 68).

36 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 1994, Fiskano vs Il-Kummissjoni (C-135/92, EU:C:1994:267, punt 27), u tal-25 ta' Ottubru 2011, Microban International us Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni (T-262/10, EU:T:2011:623, punt 29).

37 Sentenza tat-3 ta' April 2003, Royal Philips Electronics vs Il-Kummissjoni (T-119/02, EU:T:2003:101, punt 276).

38 *Ibid*., punti 277 sa 281. Ara wkoll il-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21 iktar 'il fuq.

39 Digriet tal-10 ta' Settembru 2002, Japan Tobacco u JT International vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-223/01, EU:T:2002:205, punt 46). L-enfasi hija tiegħi.

40 Ara iktar 'il fuq, il-punti 45 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41 Ċertament, deċiżjoni bħal din tista' tittieħed ukoll bħala kwistjoni ta' politika ġudizzjarja. Il-viżjoni sottostanti f'dak ir-rigward tkun essenzjalment li tgħaddi kwalunkwe mistoqsija dwar il-validità ta' kwalunkwe miżura tal-Unjoni li teħtieġ ċertu involviment nazzjonali fil-ġejjieni, ikun kemm ikun marġinali, lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz talbiet għal-deċiżjonijiet preliminari fuq il-validità skont l-Artikolu 267 TFUE, minflok ma jitħallew jipproċedu fil-Qorti Ġenerali skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Minn perspettiva ta' kritika, fir-rigward tas-sodizza ta' tali ġestjoni tal-fluss tal-kawżi fid-dawl tal-istruttura istituzzjonali tal-qrati tal-Unjoni llum, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Région de Bruxelles-Capitale vs Il-Kummissjoni (C-352/19 P, EU:C:2020:588, punti 137 sa 147), u fil-Kawżi magħquda Il-Ġermanja u L-Ungerija vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Ville de Paris *et* (C-177/19 P sa C-179/19 P, EU:C:2021:476, punti 108 u 109).

67. Quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti argumentat li l-miżura kkontestata jkollha tliet konsegwenzi għall-pożizzjoni legali tagħha, billi tagħmel applikabbli tliet dispożizzjonijiet għaliha u b'hekk timponi obbligi ġodda fuqha. Dawn id-dispożizzjonijiet kienu dawk dwar: (i) is-separazzjoni, (ii) l-aċċess ta' terzi u (iii) ir-regolamentazzjoni tat-tariffi. L-appellanti targumenta wkoll li, filwaqt li d-Direttiva dwar il-Gass kienet tinkludi fl-Artikoli 36 u 49a l-possibbiltà li tingħata, rispettivament, eżenzjoni u deroga [42] mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux manifestament applikabbli għas-sitwazzjoni tagħha.

68. Il-kwistjoni ewlenija għalhekk hija jekk il-Qorti Ġenerali kinitx korretta meta kkonstatat li l-*ebda* wieħed mit-*tliet* tipi ta' effetti legali, li dwarhom ilmentat l-appellanti, ma jirriżulta direttament mill-miżura kkontestata.

69. Fl-ewwel lok, huwa xieraq li l-analiżi tibda billi wieħed iħares lejn element li l-Qorti Ġenerali ttrattat kważi b'mod każwali, iżda li huwa, fil-fehma tiegħi, pjuttost rilevanti għat-tliet punti kollha mqajma mill-appellanti. Fil-punti 119 sa 123 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, sabiex tiddetermina jekk l-appellanti hijiex direttament ikkonċernata mill-miżura kkontestata, kien irrilevanti li dik il-kumpannija ma setgħetx tingħata l-eżenzjoni u/jew id-deroga stabbilita, rispettivament, fl-Artikolu 36 u l-Artikolu 49a tad-Direttiva dwar il-Gass. Il-Qorti Ġenerali ddikjarat, essenzjalment, li, anki jekk id-dispożizzjonijiet tal-miżura kkontestata ma humiex applikabbli għall-appellanti, din il-kumpannija xorta setgħet talbet tali deroga u/jew eżenzjoni u sussegwentement ikkontestat id-deċiżjoni jew deċiżjonijiet negattivi quddiem il-qrati nazzjonali, u f'dan il-kuntest invokat l-invalidità tal-att tal-Unjoni, u b'hekk wasslet għal proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità tal-miżura kkontestata.

70. Dawn id-dikjarazzjonijiet jidhru li jnaqqsu, pjuttost b'mod sinjifikattiv, mill-importanza ġenerali tad-dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' eċċezzjonijiet.

71. Loġikament, jekk l-appellanti, li diġà kienet bdiet tibni l-infrastruttura li għaliha kellha tapplika l-leġiżlazzjoni l-ġdida, tista' tiġi eżenta mill-applikazzjoni tal-qafas legali l-ġdid bis-saħħa ta' deċiżjoni diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali, il-possibbiltà għaliha li tkun direttament ikkonċernata mill-miżura kkontestata tista' tispiċċa. Fil-fatt, jista' mbagħad ikun hemm raġonevolment il-possibbiltà li tingħata eċċezzjoni diskrezzjonali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikabbiltà possibbli tal-Artikoli 36 u 49a tad-Direttiva dwar il-Gass għas-sitwazzjoni tal-appellanti hija importanti b'mod ċar f'din il-kawża.

72. Id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward huma għalhekk sorprendenti. L-ewwel nett, ma jistgħux jiġu rrikonċiljati mal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 61 sa 65 iktar 'il fuq, li tgħid li r-rekwiżit għal inċidenza diretta huwa eskluż bl-eżistenza ta' diskrezzjoni *ġenwina* min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali.

73. Għal darba oħra, f'termini iktar strutturali, jidher li ma huwiex raġonevoli (u ta' piż, għali, u jieħu ħafna ħin) li tobbliga kumpannija biex titlob deċiżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali fejn ir-risposta tista' tkun biss fin-negattiv, sabiex tiġi kkontestata regola ċara u eżawrjenti inkluża f'att tal-Unjoni. Is-"sistema sħiħa ta' rimedji ġudizzjarji u ta' proċeduri" li tirreferi għaliha l-Qorti Ġenerali fil-punt 120 tad-digriet appellat ma hijiex maħsuba biex tkun tellieqa twila bl-ostakoli għar-rikorrenti. Din is-sistema hija bbażata fuq diviżjoni razzjonali u orjentata kostituzzjonalment

[42] Għall-finijiet ta' ċarezza, għandu jiġi nnutat li, filwaqt li ċerti verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva dwar il-Gass jużaw termini differenti sabiex jirreferu għal dawk iż-żewġ sitwazzjonijiet (bħall-verżjoni Ingliża "derogation" u "exemption", u l-verżjoni Ġermaniża, "Ausnahme" and "Abweichung"), verżjonijiet lingwistiċi oħra jużaw l-istess terminu (bħall-verżjoni Franċiża, "dérogation", u l-verżjoni Taljana, "deroga").

tal-kompiti bejn il-qrati nazzjonali u l-qrati tal-Unjoni. Fi kliem sempliċi, hija l-"paternità" tal-miżura li fil-fatt taffettwa lir-rikorrent li tiddetermina l-qorti li quddiemha huwa għandu jirrikorri biex jikkontesta din il-miżura.

74. F'din il-kawża, sa fejn għandhom x'jaqsmu l-Artikoli 36 u 49a tad-Direttiva dwar il-Gass, din il-paternità tista' tkun attribwita biss lil-leġiżlatur tal-Unjoni. L-ebda waħda mill-għażliet offruti minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tidher li hija applikabbli għall-appellanti. Il-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li (i) id-deroga hija applikabbli biss għal-linji ta' trażmissjoni tal-gass bejn Stat Membru u pajjiż terz "li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019", u (ii) l-eżenzjoni hija disponibbli biss għal proġetti infrastrutturali maġġuri li fir-rigward tagħhom ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni ta' investiment finali [43]. Fil-fatt, fil-ħin tal-adozzjoni tal-miżura kkontestata (is-17 ta' April 2019), il-pipeline Nord Stream 2 kien għadda l-istadju ta' qabel l-investiment [44], iżda ma kienx ser jitlesta, wisq inqas ikun operattiv, qabel it-23 ta' Mejju 2019 [45].

75. Għaldaqstant, filwaqt li dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu ċertu marġni ta' libertà lill-awtoritajiet nazzjonali biex fil-futur jagħtu eżenzjoni jew deroga lil ċerti operaturi, dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-appellanti. F'dan ir-rigward, l-(in)applikabbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija ddeterminata minn qabel bir-regoli tal-Unjoni, peress li l-awtoritajiet nazzjonali *ma għandhom l-ebda spazju ta' manuvra* u għalhekk għandhom jaġixxu bħala *longa manus* tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, infakkar li s-sempliċi eżistenza, fl-astratt, ta' derogi jew eċċezzjonijiet għar-regoli stabbiliti f'att tal-Unjoni, ma jista' jkollha l-ebda effett fuq il-pożizzjoni ta' rikorrent jekk dan ir-rikorrent ma jistax juża b'mod ċar dawn l-eċċezzjonijiet jew derogi [46].

76. Fit-tieni lok, peress li l-appellanti ma tistax taħrab mill-applikazzjoni tar-regoli tad-Direttiva dwar il-Gass bis-saħħa ta' eżenzjoni jew deroga, għandu jiġi vverifikat jekk l-obbligi li dik id-direttiva issa tqiegħed fuq l-appellanti jirriżultawx mill-adozzjoni tal-miżura kkontestata jew pjuttost mill-atti nazzjonali ta' implimentazzjoni ta' din il-miżura.

77. L-appellanti tikkritika, b'mod partikolari, l-estensjoni, li saret mill-miżura kkontestata, tal-obbligi tas-separazzjoni tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-Gass. Il-Qorti Ġenerali ma kkontestatx li, bħala prinċipju, il-miżura kkontestata tat lok għal tali estensjoni, billi kabbret il-kamp ta' applikazzjoni tar-regola ta' separazzjoni integrali tal-istrutturi ta' proprjetà stabbilita fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-Gass [47]. Madankollu, iddeċidiet li l-estensjoni ma kinitx tirriżulta mill-miżura kkontestata, peress li l-Istati Membri tħallew jipprovdu żewġ *alternattivi* għas-separazzjoni integrali tal-istrutturi ta' proprjetà: l-hekk imsejjaħ mudell ta' "operatur ta' network indipendenti" (jew "ISO") [48] u l-mudell ta' "operatur ta' trażmissjoni indipendenti" (jew "ITO") [49], previsti fl-Artikolu 9(8) u fl-Artikolu 9(9) tad-Direttiva dwar il-Gass, rispettivament.

43 Waħda mill-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni hija, skont l-Artikolu 36(1)(b) tad-Direttiva dwar il-Gass li "il-livell tar-riskju għall-investiment huwa tali li l-investiment ma jsirx kemm-il darba ma tingħatax eżenzjoni".

44 Dan huwa inkontestabbli minħabba l-istadju avvanzat ħafna tal-kostruzzjoni tal-pipeline. Skont l-appellanti, id-deċiżjoni finali dwar l-investiment ewlieni ġiet adottata f'Settembru 2015.

45 Jiġifieri, fi żmien madwar xahar mill-adozzjoni tal-miżura kkontestata. Dwar l-aħħar aspett, ara wkoll id-deċiżjoni tal-20 ta' Mejju 2020 BK7-19-108 tal-Bundesnetzagentur (l-Aġenzija tan-Network Federali, il-Ġermanja).

46 Ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (C-872/19 P, EU:C:2021:507, punt 90).

47 Din ir-regola tinvolvi separazzjoni sħiħa bejn il-proprjetà u l-operat tan-networks tat-trażmissjoni tal-gass, u l-attivitajiet tal-produzzjoni u l-provvista tal-gass.

48 Taħt il-mudell ISO – stabbilit fl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Gass – impriża integrata vertikalment għandha network ta' sistema ta' trażmissjoni, iżda l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni għandu jkun entità indipendenti.

49 Taħt il-mudell ITO – stabbilit fil-Kapitolu IV tad-Direttiva dwar il-Gass – impriża integrata vertikalment għandha entità legalment separata li tippossjedi u topera s-sistema ta' trażmissjoni (jiġifieri, l-ITO). Din l-aħħar entità għandha topera b'mod indipendenti mill-impriża integrata vertikalment.

78. Il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li, taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-Gass, l-Istati Membri għandhom tliet għażliet biex jiksbu separazzjoni hija bla dubju korretta. L-appellanti stess irrikonoxxiet dan[50]. Madankollu, din il-konstatazzjoni tonqos milli tindirizza l-argument veru mressaq mill-appellanti.

79. L-appellanti ma kkontestatx il-mudell ta' separazzjoni integrali tal-istrutturi ta' proprjetà. L-appellanti tqis kemm ir-*riżultat* li għandu jinkiseb taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-Gass (is-separazzjoni), kif ukoll it-tliet *metodi* sabiex jinkiseb dan ir-riżultat (proprjetà integrali, ISO jew ITO), bħala illegali.

80. F'dan ir-rigward, ma huwiex ikkontestat li, *irrispettivament mill-għażla magħmula* fl-aħħar mill-aħħar mill-awtoritajiet nazzjonali, il-pożizzjoni legali tal-appellanti inevitabbilment tinbidel. Fil-fatt, l-appellanti jkollha: (i) tbigħ il-pipeline Nord Stream 2 kollu, (ii) tbigħ il-parti tal-pipeline li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni Ġermaniża, jew (iii) tittrasferixxi l-proprjetà tal-pipeline lil sussidjarja separata. Irrispettivament mid-differenzi bejn dawn it-tliet mudelli, kull wieħed jeħtieġ trasferiment ta' proprjetà u/jew tat-tħaddim tal-pipeline jew parti minnu, u għalhekk b'obbligu għall-appellanti li temenda l-istruttura korporattiva tagħha.

81. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni unika, jiena bilfors nikkonkludi li hija l-miżura kkontestata li taffettwa immedjatament il-pożizzjoni tal-appellanti u mhux biss il-miżuri ta' traspożizzjoni (sussegwenti). Il-mod li bih l-appellanti hija affettwata huwa rregolat b'mod eżawrjenti fil-miżura kkontestata. L-Istati Membri ma għandhom l-ebda diskrezzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat aħħari li għandu jinkiseb. Huma jistgħu jissorveljaw biss għażla (limitata) f'termini ta' kif jinkiseb, billi jagħżlu wieħed mit-tliet mudelli ta' separazzjoni previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Madankollu, irrispettivament minn liema mit-tliet mudelli huma jagħżlu, l-appellanti tiġi affettwata. Fil-qosor, l-Istati Membri ma għandhom l-ebda diskrezzjoni dwar il-*jekk* u x-*xiex*, billi huma permessi biss li jagħżlu waħda mit-tliet forom predeterminati dwar il-*kif*.

82. Il-kawża inkwistjoni għalhekk taqa' f'dawn is-sitwazzjonijiet[51] li fihom il-qrati tal-Unjoni konsistentement sabu li teżisti inċidenza diretta. F'dan ir-rigward, ma nistax nifhem għaliex din il-kawża hija differenti, pereżempju, minn dik eżaminata mill-qrati tal-Unjoni fil-kawża Infront[52], każ li l-appellanti tabilħaqq qagħdet fuqu quddiem il-Qorti Ġenerali. F'dikjarazzjoni pjuttost apodittika, il-Qorti Ġenerali sabet li din il-kawża kienet legalment u fattwalment differenti mill-kawża preżenti, għar-raġuni li tal-ewwel kienet tinvolvi deċiżjoni (u mhux direttiva) u li tal-aħħar "ma hijiex atipika"[53].

83. Ma huwiex ċar għalija x'riedet tfisser il-Qorti Ġenerali meta rreferiet għall-kawża preżenti bħala "ma hijiex atipika" u kif dan l-element għandu rwol taħt l-Artikolu 263 TFUE[54]. Għal darba oħra, fil-fehma tiegħi, l-element ewlieni huwa pjuttost jekk wieħed jaċċettax li l-isem u l-forma ta' att huma ta' ftit rilevanza taħt dik id-dispożizzjoni. Jekk dan huwa l-każ, allura l-kwistjoni kruċjali

50 Ara l-paragrafu 113 tad-digriet appellat.

51 Imsemmija iktar 'il fuq, fil-punti 61 sa 65 ta' dawn il-konklużjonijiet.

52 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Infront WM vs Il-Kummissjoni (T-33/01, EU:T:2005:461).

53 Punt 117 tad-digriet appellat.

54 Jekk il-Qorti Ġenerali riedet tfisser li d-direttiva kkontestata hija direttiva *vera*, u mhux deċiżjoni moħbija (kif qiegħed jargumenta l-Kunsill fl-appell preżenti), nirreferi sempliċement għall-ġurisprudenza li tgħid "il-fatt biss li d-dispożizzjonijiet ikkontestati jifformaw parti minn att ta' applikazzjoni ġenerali li jikkostitwixxi direttiva vera u mhux deċiżjoni, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-[Artikolu 263 TFUE], adottat fil-forma ta' direttiva, ma huwiex biżżejjed fih innifsu sabiex tiġi eskluża l-possibbiltà li dawn id-dispożizzjonijiet ikunu jistgħu jikkonċernaw individwu direttament u individwalment" Ara s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-16/04, EU:T:2010:54, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-enfasi hija tiegħi.

huwa sempliċement kwistjoni ta' jekk l-impatt allegat fuq il-pożizzjoni legali tal-appellanti huwiex ir-riżultat tal-att tal-Unjoni li qiegħed jiġi kkontestat jew ir-riżultat ta' att sussegwenti ta' implimentazzjoni.

84. F'dan l-isfond, il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 118 tad-digriet appellat, li l-appellanti ma kinitx direttament ikkonċernata mill-miżura kkontestata, minħabba li d-dispożizzjoni dwar is-separazzjoni kienet teħtieġ miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni, hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

85. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, peress li nqis li l-ebda wieħed miż-żewġ gruppi ta' raġunijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat għall-esklużjoni tal-inċidenza diretta (il-miżura kkontestata hija direttiva, u d-dispożizzjoni dwar is-separazzjoni ma taffettwax immedjatament il-pożizzjoni legali tal-appellanti) ma huwa korrett, nikkonkludi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, fil-punt 116 tad-digriet appellat, hija ddeċidiet li l-appellanti ma hijiex direttament ikkonċernata, u wassalha mbagħad għal konklużjoni żbaljata dwar il-*locus standi* taħt l-Artikolu 263 TFUE fil-punt 124 tad-digriet appellat.

86. Dawn l-iżbalji ta' liġi huma fihom innifishom suffiċjenti biex jitwarrab il-punt 4 tad-dispożittiv tad-digriet appellat, li ċaħad ir-rikors bħala inammissibbli. Madankollu, għal raġunijiet ta' kompletezza u sabiex ngħin bis-sħiħ lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan l-appell, jiena ser nindirizza wkoll argument ieħor imressaq mill-appellanti fl-ewwel aggravju.

c) In-nuqqas li jiġu indirizzati argumenti ulterjuri tal-appellanti

87. Quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti argumentat li l-miżura kkontestata affettwat direttament il-pożizzjoni legali tagħha minħabba li din il-miżura kellha, b'mod partikolari, tliet tipi ta' effetti. Apparti mill-ħolqien ta' obbligu rigward is-separazzjoni, diskuss fit-taqsima preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, hija teħtieġ ukoll li l-appellanti tapplika regoli dwar aċċess ta' partijiet terzi u regolamentazzjoni tat-tariffi. Matul is-sottomissjonijiet tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali (u b'mod speċjali ir-rikors tagħha u l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà tal-appellati), l-appellanti b'mod konsistenti rreferiet għall-effetti (allegatament ta' ħsara) li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawk it-tliet dispożizzjonijiet, għas-sitwazzjoni tagħha.

88. Fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxietu dan [55]. Madankollu, ċaħdet r-rekwiżit ta' inċidenza diretta billi ħarset biss lejn id-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni. Il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina jekk – irrispettivament mill-effetti allegati li jirriżultaw mir-regoli dwar is-separazzjoni – il-pożizzjoni legali tal-appellanti setgħetx tiġi affettwata mid-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess ta' terzi u/jew dwar ir-regolamentazzjoni tat-tariffi.

89. Pjuttost milli dawn jitqiesu kunsiderazzjonijiet anċillari li jistgħu jiġu injorati jew impliċitament miċħuda mill-Qorti Ġenerali, l-argumenti mressqa mill-appellanti dwar l-aċċess ta' terzi u r-regolazzjoni tat-tariffi kienu jikkostitwixxu żewġ elementi tal-ispjegazzjoni tagħha fuq tliet binarji dwar għaliex kienet affettwata direttament mill-miżura kkontestata. Kull wieħed minn dawk it-tliet elementi jista' individwalment ikun biżżejjed biex jiġġustifika konstatazzjoni ta' inċidenza diretta. B'mod partikolari, irrispettivament mill-forma ta' separazzjoni li finalment intgħażlet mill-awtoritajiet nazzjonali, l-obbligi fuq l-aċċess ta' terzi u r-regolamentazzjoni tat-tariffi imposti fuq l-appellanti jibqgħu mhux affettwati.

[55] Ara l-punti 96 u 98 tad-digriet appellat.

90. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-digriet appellat huwa inevitabbilment ivvizzjat ukoll minn nuqqas ta' motivazzjoni. Dan l-iżball ta' liġi huwa wieħed ta' ordni pubbliku. Jista' jitqajjem [56] mill-Qorti tal-Ġustizzja *ex officio* [57], b'mod partikolari fejn jirrigwarda l-ammissibbiltà ta' azzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali [58].

91. Għalhekk, irrispettivament mill-iżbalji ta' liġi identifikati iktar 'il fuq dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni (l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-Gass), u dwar id-deroga u l-eżenzjoni (stabbiliti, rispettivament, fl-Artikolu 49a u l-Artikolu 36 tad-Direttiva dwar il-Gass), il-punt 4 tad-dispożittiv tad-digriet appellat għandu jiġi annullat ukoll minħabba nuqqas ta' motivazzjoni.

92. Barra minn hekk, li kieku l-Qorti Ġenerali evalwat sewwa d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess ta' terzi u r-regolamentazzjoni tat-tariffi, kienet tasal għall-konklużjoni li dawn id-dispożizzjonijiet jaffettwaw ukoll direttament lill-appellanti.

93. Għal darba oħra, huwa veru li – kif jindikaw l-appellati u l-intervenjenti – id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 32 u l-Artikolu 41 tad-Direttiva dwar il-Gass jirrikjedu li l-Istati Membri "jiżguraw" l-implimentazzjoni tagħhom.

94. Madankollu, f'dan il-kuntest ukoll, ma jistax jiġi kkontestat li l-appellanti ma tikkontestax il-modi speċifiċi li fihom l-obbligi li joħorġu minn dawn id-dispożizzjonijiet isiru operattivi. L-appellanti tikkontesta l-qofol stess tal-obbligi imposti fuqha bħala riżultat tal-adozzjoni tal-miżura kkontestata.

95. Fi ftit kliem, l-Artikolu 32 tad-Direttiva dwar il-Gass jirrikjedi li l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jippermettu aċċess għall-kapaċità tagħhom fuq bażi nondiskriminatorja lil klijenti potenzjali abbażi ta' tariffi ppubblikati. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 41(6), (8) u (10) tad-Direttiva dwar il-Gass jipprovdi, essenzjalment, li t-tariffi imposti mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għall-użu tal-kapaċità tat-trasport tagħhom għandhom ikunu approvati mill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

96. Bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet, l-appellanti ser tkun, sa fejn dawn ir-regoli jipprevedu, legalment prekluża milli taġixxi bħala operatur normali tas-suq li tagħżel liberament il-klijenti tagħha u l-politika tal-prezzijiet. L-appellanti ser għalhekk taffaċċja numru ta' restrizzjonijiet regolatorji ġodda li jillimitaw id-dritt tagħha għall-proprjetà u l-libertà tal-intrapriża. Dawn ir-restrizzjonijiet huma ġodda, fid-dawl tal-fatt li l-leġiżlazzjoni fis-seħħ fiż-żmien tal-investiment, iż-żmien meta l-infrastruttura bdiet tinbena, u ż-żmien li l-appellanti kkonkludiet kuntratti għall-finanzjament u l-operazzjoni futura tagħha [59], ma pprovdietx għal aċċess obbligatorju minn terzi u approvazzjoni tat-tariffa mir-regolatur nazzjonali.

56 L-appellanti qajmet debitament in-nuqqas tal-Qorti Ġenerali fuq dan il-punt fil-kuntest tal-argumenti tagħha dwar interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, għalkemm ma rreferietx għalih bħala "nuqqas ta' motivazzjoni". Ara iktar 'il fuq, il-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, EUIPO vs European Dynamics Luxembourg *et* (C-677/15 P, EU:C:2017:998, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Ara, *inter alia*, id-digriet tal-5 ta' Settembru 2013, ClientEarth vs Il-Kunsill (C-573/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2013:564, punt 20).

59 Nirreferi, b'mod partikolari, għall-"Ftehim dwar it-Trasport tal-Gass" konkluż fis-7 ta' Marzu 2017 ma' Gazprom Export LLC u l-"Ftehimiet ta' Finanzjament ta' Dejn fit-Tul" konklużi f'April u Ġunju 2017 ma' Gazprom, ENGIE SA, OMV AG, Royal Dutch Shellplc, Uniper SE u Wintershall Dea GmbH. Siltiet rilevanti ta' dawn il-ftehimiet ġew sottomessi quddiem il-Qorti Ġenerali.

97. Dan ma jfissirx li meta kumpannija tagħmel investiment u tipprepara ruħha biex tidħol f'suq taħt ċertu reġim, irrispettivament minn kemm jista' jkun kbir dan l-investiment, il-leġiżlatur ma jistax jemenda dak ir-reġim b'mod validu. Fil-fatt, dan żgur ma huwiex il-każ.

98. Madankollu, kemm jekk il-bidliet introdotti għal dan ir-reġim, li joħolqu obbligi u restrizzjonijiet ġodda ma kinux jeżistu qabel, humiex raġonevoli jew le, jammonta għal evalwazzjoni li tappartjeni *għall-mertu* tal-azzjoni tal-appellanti. F'termini ta' *ammissibbiltà*, l-unika mistoqsija rilevanti hija jekk dawn l-obbligi u restrizzjonijiet jirriżultawx direttament mill-miżura kkontestata, u mhux jekk humiex raġonevoli jew iġġustifikati. Dawn ir-restrizzjonijiet u l-obbligi jaffettwaw diġà l-pożizzjoni legali u ekonomika tal-appellanti, u l-kapaċità tagħha li twettaq l-obbligi tagħha taħt ftehimiet preeżistenti [60], irrispettivament minn kwalunkwe miżura li tista' eventwalment tiġi adottata fuq livell nazzjonali?

99. Fl-aħħar nett, għandhom jiġu indirizzati żewġ argumenti addizzjonali mressqa mill-appellati u l-intervenjenti.

100. Fl-ewwel lok, insib li ma jistax jiġi sostnut l-argument, imressaq mill-Gvern Pollakk, li l-pożizzjoni legali tal-appellanti ma tistax tiġi affettwata mill-miżura kkontestata minħabba li d-Direttiva dwar il-Gass kienet diġà applikabbli għal pipelines bħall-pipeline Nord Stream 2. Jidhirli li dan il-pipeline – li tgħaqqad Stat Membru (il-Ġermanja) ma' Stat mhux Membru (ir-Russja) – evidentement ma kienx kopert mid-definizzjoni preċedenti ta' "interkonnettur" stabbilita fl-Artikolu 2(17) tad-Direttiva dwar il-Gass, kif adottata oriġinarjament. Din id-definizzjoni leġiżlattiva rreferiet għal "linja tat-trasmissjoni li taqsam jew li hi mxerrda fuq fruntiera bejn Stati Membri għall-uniku skop li tikkonnetti s-sistemi ta' trasmissjoni nazzjonali ta' dawn l-Istati Membri".

101. Il-miżura kkontestata b'hekk wessgħet din id-definizzjoni sabiex tkopri wkoll "linja ta' trasmissjoni bejn Stat Membru *u pajjiż terz* sat-territorju tal-Istati Membri jew sal-baħar territorjali ta' dak l-Istat Membru" [61]. Barra minn hekk, il-kliem stess tal-miżura kkontestata jidher li jikkontradixxi l-argument tal-Gvern Pollakk: skont il-premessa 3, din il-miżura riedet "li tindirizza l-ostakli għat-tlestija tas-suq intern tal-gass naturali li jirriżultaw min-*nuqqas ta' applikazzjoni* tar-regoli tas-suq tal-Unjoni *għal-linji ta' trasmissjoni tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi*" [62].

102. Fit-tieni lok, insib ukoll li l-argument, imressaq mill-Parlament u l-Gvern Pollakk, dwar allegat nuqqas ta' impatt fuq l-appellanti minħabba li l-attivitajiet kummerċjali tagħha għadhom ma bdewx, ma huwiex persważiv. Id-Direttiva dwar il-Gass, magħmula applikabbli għall-appellanti mill-miżura kkontestata, ma tirregolax biss l-attivitajiet ta' kumpanniji li bħalissa qegħdin joperaw fis-suq, iżda wkoll ta' kumpanniji li beħsiebhom jidħlu fis-suq. Pereżempju, l-Artikoli 36 u 49a tad-Direttiva dwar il-Gass jirregolaw sitwazzjonijiet li fihom kumpannija għadha ma bdietx tipprovdi s-servizzi tagħha. L-ewwel dispożizzjoni, b'mod partikolari, tirrigwarda sitwazzjonijiet fejn il-kostruzzjoni tal-infrastrutturi inkwistjoni lanqas biss bdiet.

60 Ara, *mutatis mutandis*, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Sahlstedt *et* vs Il-Kummissjoni (C-362/06 P, EU:C:2008:587, punti 66 sa 76).

61 L-enfasi hija tiegħi.

62 L-enfasi hija tiegħi.

103. Madankollu, forsi b'mod iktar sinjifikattiv, bħala kwistjoni ta' realtà ekonomika bażika, il-pipelines ma humiex klementini [63]. Proġett infrastrutturali maġġuri bħal dan ma huwiex attività kummerċjali li tibda mil-lum għal għada. Fil-każ preżenti, minħabba l-istadju avvanzat ta' kostruzzjoni tal-pipeline u l-investiment sinjifikattivi magħmul mill-appellanti fuq numru ta' snin, il-miżura kkontestata ser ikollha bosta konsegwenzi fuq l-istruttura korporattiva tal-appellanti u l-mod li bih tista' topera n-negozju tagħha. Uħud mill-bidliet meħtieġa mill-appellanti bilfors ikollhom jiġu implimentati *qabel* ma jibdew l-attivitajiet kummerċjali tagħha. Għaldaqstant, ma jistax jiġi argumentat li l-impatt huwa purament ipotetiku, jew b'xi mod marbut ma' avvenimenti futuri.

104. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li t-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appellanti hija wkoll fondata. Il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-Gass, naqset milli tapprezza l-importanza tal-Artikoli 36 u 49a tagħha, u naqset milli tikkunsidra l-impatt tal-Artikoli 32 u 41 tagħha. Dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lok għal obbligi ġodda min-naħa tal-appellanti. Il-parti essenzjali ta' dawn l-obbligi (li hija, b'mod importanti, il-parti nnifisha li l-appellanti tilmenta dwarha [64]) ma tistax tiġi affettwata sostanzjalment mill-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni.

105. Għalhekk nikkonkludi li għandu jiġi deċiż li l-appellanti hija direttament kkonċernata mill-miżura kkontestata.

B. It-tieni aggravju

106. It-tieni aggravju huwa dirett kontra l-punti 38 sa 72 u 125 sa 135 tad-digriet appellat.

107. Fil-punti 38 sa 72 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ttrattat it-talba tal-Kunsill dwar kwistjoni proċedurali [65]. Hija ordnat l-isfilz mill-proċess ta' tnejn mid-dokumenti kkontestati mill-Kunsill (l-Annessi A.14 u O.20). Hija sostniet ukoll li s-siltiet minn dawk id-dokumenti riprodotti fis-sottomissjonijiet tal-appellanti ma għandhomx jibqgħu jiġu kkunsidrati. B'kuntrast, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma kienx hemm bżonn li tiddeċiedi dwar l-isfilz tat-tielet dokument (id-Direttivi tan-Negozjati), sa fejn dan id-dokument ma kienx ġie prodott.

108. Fil-punti 125 sa 135 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali mbagħad ittrattat it-talba tal-appellanti għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura u talbet lill-Qorti Ġenerali tordna lill-appellati jipproduċu l-verżjoni mingħajr tħassir ta' ċerti dokumenti [66]. Il-Qorti Ġenerali l-ewwel qatgħetha li ma kienx hemm bżonn li tiddeċiedi fuq din it-talba. Osservat li d-dokumenti inkwistjoni kienu allegatament maħsuba biex jistabbilixxu li l-appellanti kienet individwalment ikkonċernata mill-miżura kkontestata. Madankollu, hija kkunsidrat li l-azzjoni setgħet tiġi miċħuda bħala inammissibbli mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li jiġi eżaminat ir-rekwiżit ta' inċidenza individwali.

63 Sentenza tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (25/62, EU:C:1963:17), anki, f'dak il-każ, in-natura tal-attività kummerċjali inkwistjoni kienet pjuttost rilevanti għall-kunċett ta' inċidenza individwali.

64 Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2007:611, punt 84)

65 Ara iktar 'il fuq, il-punti 16 u 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

66 Ara iktar 'il fuq, il-punti 18 u 19 ta' dawn il-konklużjonijiet.

109. Il-Qorti Ġenerali sussegwentement eżaminat it-talba tal-Kunsill li tnejn mid-dokumenti tal-appellanti, annessi mat-talba tagħha għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura (id-Dokumenti Ġermaniżi Mhux Imħassra), jiġu ssfilzati mill-proċess. Hija ddeċidiet li din it-talba kienet fondata.

110. Fl-appell tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ordnat (i) l-isfilz tal-annessi inkwistjoni mill-proċess, u (ii) li s-siltiet fir-rikors tal-appellanti li rriproduċew siltiet ta' tnejn minn dawn annessi jiġu injorati.

1. Argumenti tal-partijiet

111. L-appellanti targumenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi essenzjalment ibbażat ir-raġunament tagħha kompletament fuq l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti stabbiliti fir-Regolament Nru 1049/2001. Għalkemm dan l-istrument jista' jipprovdi ċerta gwida fir-rigward ta' interessi li l-qrati tal-Unjoni jista' jkollhom bżonn jikkunsidraw meta jiddeċiedu dwar l-ammissibbiltà ta' provi prodotti fi proċeduri pendenti, ma jistax jiġi applikat *ipso facto* għal dawn is-sitwazzjonijiet. Il-Qorti Ġenerali kellha tevalwa l-ammissibbiltà tal-annessi inkwistjoni billi tikkunsidra interessi oħra differenti, minn dawk stabbiliti fir-Regolament Nru 1049/2001. B'mod partikolari, korp konsistenti ta' ġurisprudenza jirrikjedi li l-qrati tal-Unjoni jeżaminaw jekk id-dokumenti prodotti minn parti jistgħux ikunu rilevanti, jew saħansitra deċiżivi, għas-soluzzjoni tat-tilwima.

112. Il-Kunsill huwa tal-fehma li dan l-aggravju huwa inammissibbli peress li, essenzjalment, l-appellanti trid li l-Qorti tal-Ġustizzja tistħarreġ evalwazzjoni fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali, jiġifieri jekk il-produzzjoni tal-annessi inkwistjoni kinitx xierqa u meħtieġa. Barra minn hekk, iż-żewġ appellati – sostnuti mill-intervenjenti – isostnu li dan l-aggravju ma huwiex fondat peress li l-Qorti Ġenerali applikat b'mod korrett il-prinċipji dwar l-ammissibbiltà tal-provi li joħorġu mill-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni. L-appellati jenfasizzaw li l-annessi inkwistjoni kienu dokumenti interni li qatt ma ġew irrilaxxati lill-pubbliku.

2. Analiżi

113. L-ewwel nett, l-argument tal-Kunsill rigward l-inammissibbiltà tat-tieni aggravju għandu jiġi miċħud. Tabilħaqq, l-appellanti ma hijiex qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tevalwa mill-ġdid il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar ir-rilevanza tal-annessi inkwistjoni. Minflok, l-appellanti qiegħda tikkritika l-qafas legali applikat għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tad-dokumenti inkwistjoni. Din hija kwistjoni ta' dritt u, bħala tali, tista' tiġi mistħarrġa fl-appell.

114. Fir-rigward tas-sustanza tat-tieni aggravju, naqbel mal-appellanti. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-approċċ tagħha biex teżamina jekk l-annessi inkwistjoni jistgħux jiġu ammessi bħala provi.

115. Sabiex nispjega din il-konklużjoni, ser nibda billi niġbor fil-qosor il-prinċipji li jirregolaw il-produzzjoni tal-provi quddiem il-qrati tal-Unjoni, billi nindika l-approċċ miftuħ sanċit fid-dispożizzjonijiet rilevanti u l-ġurisprudenza (a). Imbagħad ngħaddi għall-eċċezzjonijiet possibbli għal dan ir-reġim, li minnhom tista' tittieħed ċerta ispirazzjoni limitata mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1049/2001 (b). Sussegwentement, ser nenfasizza differenza addizzjonali, iżda importanti, bejn ir-reġim li jirregola l-aċċess għal dokumenti u dak li

jirregola l-produzzjoni ta' provi quddiem il-qrati tal-Unjoni: il-konsegwenzi li jirriżultaw mill-iskoperta tad-dokumenti (c). Huwa f'dan l-isfond li mbagħad ser nispjega r-raġunijiet speċifiċi għaliex, fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat l-ammissibbiltà tal-annessi inkwistjoni (d). Fl-aħħar nett, fil-qosor ser nieħu pożizzjoni dwar ir-rilevanza ta' dawn l-annessi fil-proċeduri preżenti (e).

a) L-approċċ ġeneralment miftuħ rigward l-ammissibbiltà tal-provi

116. L-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma fih l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar l-ammissibbiltà tal-provi prodotti mill-partijiet. Madankollu, l-Artikolu 24 tiegħu jipprovdi li l-qrati tal-Unjoni jistgħu jitolbu lill-partijiet jipproduċu *d-dokumenti kollha u jipprovdu l-informazzjoni kollha* li l-qrati tal-Unjoni jikkunsidraw mixtieqa. Barra minn hekk, il-qrati tal-Unjoni jistgħu jeħtieġu wkoll li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jipprovdu *l-informazzjoni kollha* meqjusa meħtieġa għall-proċeduri, anki meta ma jkunux partijiet fil-kawża.

117. Bl-istess mod, l-ebda dispożizzjoni ġenerali dwar l-(in)ammissibbiltà ta' tipi ta' provi ma tinstab fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawk il-korpi ta' regoli jirregolaw biss *meta* u *kif* (u mhux *liema*) provi jistgħu jiġu prodotti mill-partijiet jew akkwistati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

118. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet b'mod konsistenti li "l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, li huwa korollarju tal-kunċett innifsu ta' smigħ xieraq, jimplika l-obbligu li tiġi offruta lil kull parti possibbiltà raġonevoli li tippreżenta l-kawża tagħha, *inklużi l-provi tagħha*, f'ċirkustanzi li ma jqiegħduhiex f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ nett fil-konfront tal-avversarja tagħha"[67]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll li, "il-prinċipju li jipprevali fid-dritt tal-Unjoni huwa dak tal-*evalwazzjoni bla xkiel tal-provi*" u li "hija biss l-affidabbiltà tal-provi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li hija deċiżiva meta tiġi għall-evalwazzjoni tal-valur tagħhom"[68].

119. Ġurisprudenza iktar speċifika tikkonferma wkoll li ma hemm l-ebda preklużjoni *a priori* fir-rigward ta' ċerti *forom* jew l-*oriġini* tal-provi[69]. Fir-rigward tal-*mod* li bih inkisbu l-provi, il-qrati tal-Unjoni għamluha ċara li, normalment, il-provi miksuba legalment biss jistgħu jiġu sottomessi liberament[70], f'konformità mal-prinċipju legali ġeneralment aċċettat *nemo auditur propriam turpitudinem allegans*. Madankollu, b'mod simili għal ġurisdizzjonijiet supremi oħrajn[71], il-qrati tal-Unjoni wkoll ma eskludewx li, eċċezzjonalment, provi miksuba illegalment

67 Ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Ara, reċentement, id-digriet tat-12 ta' Ġunju 2019, OY vs Il-Kummissjoni (C-816/18 P, mhux ippubblikat, EU:C:2019:486, punt 6 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-enfasi hija tiegħi.

69 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Frar 1996, Lopes vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (T-280/94, EU:T:1996:28, punt 56 sa 59); tas-6 ta' Settembru 2013, Persia International Bank vs Il-Kunsill (T-493/10, EU:T:2013:398 punt 95) u tat-12 ta' Settembru 2013, Besselink vs Il-Kunsill (T-331/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:419, punti 11 u 12 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenzi tal-25 ta' Jannar 2007, Dalmine vs Il-Kummissjoni (C-407/04 P, EU:C:2007:53, punti 46 sa 51), u tal-1 ta' Lulju 2008, L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill (C-39/05 P u C-52/05 P, EU:C:2008:374, punt 57).

70 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni (C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Ara, b'riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar l-istess kwistjoni, Quintana, J.J., *Litigation at the International Court of Justice*, Leiden, Brill, 2015, p. 385.

(jew b'mod mhux xieraq) jistgħu jkunu ammissibbli wkoll[72]. Dan huwa iktar u iktar il-każ fejn l-awtentiċità tad-dokumenti ma ġietx ikkontestata[73], u fejn ma huwiex stabbilit li l-parti li pproduċiet il-provi kienet dik li kienet kisbitha illegalment[74].

120. Minn dak li ntqal jirriżulta li, bħala prinċipju, *kwalunkwe* prova tista' tiġi ppreżentata quddiem il-qrati tal-Unjoni[75]. Madankollu, il-Qorti tal-Unjoni kkonċernata tista' tqis l-eżistenza ta' *interessi oħra* li jistgħu, bħala eċċezzjoni, jiġġustifikaw ir-rifjut li taċċetta l-provi, u tibbilanċja dawk l-interessi ma' dawk li jitolbu l-aċċettazzjoni tagħha.

b) L-eċċezzjonijiet relatati mal-ammissibilità tal-provi

121. Fir-rigward tal-interessi li jistgħu jeħtieġu protezzjoni – u b'hekk jippermettu eċċezzjonijiet għall-prinċipju tal-produzzjoni libera ta' provi – tista' tittieħed ċerta ispirazzjoni minn dawk li l-leġiżlatur tal-Unjoni espressament semma fir-Regolament Nru 1049/2001. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, dak l-istrument "għand[u] ċertu valur indikattiv fil-kuntest tal-ponderazzjoni tal-interessi meħtieġa sabiex tingħata deċiżjoni" dwar talbiet għall-isfilz tad-dokumenti ppreżentati quddiem il-qrati tal-Unjoni[76].

122. Madankollu, filwaqt li dan l-istrument huwa reġim komplet u eżawrjenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' aċċess għal dokumenti, huwa ċar li ma jistax ikun hekk fir-rigward tal-produzzjoni ta' provi. Il-qrati tal-Unjoni jistgħu u, fejn xieraq, għandhom, iqisu interessi oħra ("intraġudizzjarji" jew "extraġudizzjarji").

123. B'mod ġenerali, wieħed għandu joqgħod attent minn dipendenza awtomatika jew fi kwalunkwe każ eċċessiva fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1049/2001 f'dan il-kuntest. Ma huwa bl-ebda mod aċċidentali li dan l-istrument ma japplikax fir-rigward ta' dokumenti miżmuma mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u li l-istituzzjonijiet koperti minn dan l-istrument għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokumenti "meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-ħarsien ta' […] proċedimenti fil-qrati"[77].

124. Dan huwa pjuttost loġiku. Fil-fatt, ħafna mis-sistemi legali jipprovdu għal reġimi speċjali ta' skoperta fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji. Għalhekk huwa raġonevoli li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li r-regoli ġenerali dwar l-aċċess għal dokumenti *ma għandhomx jinterferixxu* ma' dawn ir-reġimi speċjali. Huwa *a fortiori* inkonċepibbli li strument bħar-Regolament Nru 1049/2001 imbagħad jitħalla *jirregola de facto* r-regoli dwar il-produzzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

72 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2015, Dalli vs Il-Kummissjoni (T-562/12, EU:T:2015:270, punti 47 u 48 u l-ġurisprudenza ċċitata), u d-digrieti tat-23 ta' Marzu 2017, Troszczynski vs Il-Parlament (T-626/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:237, punti 27 u 28), u tat-23 ta' Marzu 2017, Gollnisch vs Il-Parlament (T-624/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:243, punti 27 u 28).

73 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2018, QB vs BĊE (T-827/16, EU:T:2018:756, punt 67). Ara wkoll, *a contrario*, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1981, Ludwigshafener Walzmühle Erling *et* vs IlKunsill u Il--Kummissjoni (197/80 sa 200/80, 243/80, 245/80 u 247/80, EU:C:1981:311, punt 16).

74 Sentenzi tat-12 ta' Mejju 2015, Dalli vs Il-Kummissjoni (T-562/12, EU:T:2015:270, punt 49), u tat-8 ta' Novembru 2018, QB vs BĊE (T-827/16, EU:T:2018:756, punti 68 sa 72).

75 Din tidher ukoll bħala l-fehma prevalenti fost il-kummentaturi legali: ara, *inter alia*, Lasok, K.P.E, "The European Court of Justice: Practice and Procedure", it-tieni edizzjoni, Buttersworth, 1994, p. 344; u Barbier de la Serre, E., u Sibony, A.L., "Expert Evidence Before the EC Courts", Common Market Law Review, 2008, p. 958 u 959; u Lenaerts, K., Maselis, I., u Gutman, K., "EU Procedural Law", Oxford University Press, Oxford, 2014, paġni 768 u 769.

76 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2020, Is-Slovenja vs Il-Kroazja (C-457/18, EU:C:2020:65, punt 67), u d-digriet tal-14 ta' Mejju 2019, L-Ungerija vs Il-Parlament (C-650/18, mhux ippubblikata, EU:C:2019:438, punti 9, 12 u 13).

77 Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

125. Ċertament, iż-żewġ gruppi ta' regoli – aċċess għal dokumenti u produzzjoni ta' provi – jiddependu fuq sistema simili ta' "*r-regola kontra l-eċċezzjoni*". Ir-regola hija l-iżvelar, u l-eċċezzjoni hija n-nuqqas ta' żvelar. Madankollu, dan huwa fejn jintemm kwalunkwe parallel xieraq bejn iż-żewġ reġimi, u fuq kollox il-bilanċ ġenerali li għandu jinkiseb fi ħdan wieħed minnhom bejn il-valuri u l-interessi li jikkompetu.

126. Iż-żewġ gruppi ta' regoli (i) jikkonċernaw attivitajiet ta' tip differenti, (ii) isegwu għan differenti, li għalhekk (iii) jeħtieġu li l-istituzzjonijiet iwettqu evalwazzjoni pjuttost differenti meta jiddeċiedu dwar l-iżvelar tad-dokument inkwistjoni.

127. Fl-ewwel lok, ma naħsibx li huwa neċessarju li nidħlu fil-fond għaliex l-attività ta' żvelar ta' ċertu dokument lill-*pubbliku* ma tantx hija paragunabbli mal-attività ta' *preżentata* ta' dokument (u b'hekk l-iżvelar ta' tali dokument) lil *qorti*. Huwa inkonċepibbli li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – l-uniku superviżur u eżekutur tal-legalità fuq l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni – għandha, meta tistħarreġ il-legalità ta' att tal-Unjoni, ikollha l-istess livell ta' aċċess għad-dokumenti ta' dawn l-istituzzjonijiet u korpi bħal, biex jiġu pprovduti xi ftit eżempji, ġurnalisti, akkademiċi jew organizzazzjonijiet mhux governattivi.

128. Fit-tieni lok, huwa wkoll importanti li jiġi rrilevat li, fid-dawl tad-differenza bejn dawn l-attivitajiet, l-*għanijiet* segwiti mill-gruppi ta' regoli relattivi huma wkoll pjuttost differenti.

129. L-għan tar-Regolament Nru 1049/2001, kif imfisser fit-tieni premessa tiegħu, huwa li jiżdiedu l-ftuħ u t-trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jipparteċipaw iktar mill-qrib fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u biex jiggarantixxu li l-amministrazzjoni tgawdi leġittimità ikbar u tkun iktar effettiva u iktar responsabbli. L-għan ġenerali huwa li jissaħħu l-prinċipji tad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet fundamentali.

130. Min-naħa tagħhom, ir-regoli dwar il-provi jridu jiżguraw l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha skont l-Artikolu 19 TUE. L-għan ġenerali huwa li kulħadd ikun iggarantit id-dritt għal rimedju effettiv sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta.

131. Fit-tielet lok, dawn l-għanijiet (differenti) neċessarjament isawru l-evalwazzjoni li għandha sseħħ mill-istituzzjoni tal-Unjoni inkarigata bil-kompitu li tiddeċiedi dwar id-destin ta' dokument ikkontestat b'mod differenti. B'mod partikolari, hemm ftit similaritajiet bejn, l-ewwel, il-mod kif l-interessi li jikkompetu huma bbilanċjati fiż-żewġ sistemi, u t-tieni, ir-riżultati tal-ibbilanċjar tal-valuri u l-interessi f'riskju fiż-żewġ każijiet.

132. Ir-regoli fir-Regolament Nru 1049/2001 jippruvaw isibu bilanċ bejn l-interessi taċ-ċittadini li jkollhom amministrazzjoni pubblika miftuħa u trasparenti, u l-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata l-abbiltà tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv[78]. Għaldaqstant, l-istituzzjoni affaċċjata b'talba biex tirrilaxxa dokument trid tevalwa jekk, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, l-għoti ta' aċċess lill-pubbliku għad-dokument inkwistjoni ma jikkompromettix il-kapaċità tal-istituzzjoni li ssegwi wieħed mill-interessi stabbiliti fir-regolament. Barra minn hekk, anki jekk dik il-kapaċità tista' tista' tkun affettwata, l-istituzzjoni jkollha tevalwa l-eżistenza possibbli ta' interess prevalenti li jirrikjedi l-iżvelar.

[78] Ara, b'mod partikolari l-premessi 6 u 11 tar-Regolament Nru 1049/2001.

133. Huwa ovvju li deċiżjoni dwar il-produzzjoni ta' provi fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji tinvolvi tip differenti ta' analiżi. Ir-regoli dwar il-provi huma maħsuba biex jiddeterminaw liema sorsi ta' informazzjoni l-qorti tista' jew ma tistax tikkunsidra sabiex tistabbilixxi l-fatti rilevanti meta tiddeċiedi dwar tilwima. Mhux faċli li ssib raġunijiet tajbin għaliex il-qrati tal-Unjoni għandhom jinjoraw ċerti sorsi ta' informazzjoni (potenzjalment rilevanti), u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' żbalji ġudizzjarji.

134. Naturalment, dan ma jfissirx li, f'ċerti każijiet, il-ħtieġa li jiġi protett ċertu interess speċifiku ma tiġġustifikax ir-rifjut li jiġu ammessi provi prodotti mill-partijiet, irrispettivament mir-rilevanza tagħhom. Tabilħaqq, il-ġurisprudenza tipprovdi ċerti eżempji ta' sitwazzjonijiet li fihom il-qrati tal-Unjoni aċċettaw xi eċċezzjonijiet għall-prinċipju tal-produzzjoni libera ta' provi. Jistgħu jissemmew tliet eżempji sabiex jitwera dan.

135. Fl-ewwel lok, tassew li parti ma tistax tuża l-proċeduri tal-qorti biex "tevita" r-regoli dwar l-*aċċess għad-dokumenti*. Dan ikun il-każ li kieku parti kellha tibda litigazzjoni speċjuża bil-ħsieb stess li tikseb aċċess għal dokumenti li altrimenti huma kunfidenzjali[79]. Jista' jkun ukoll li, fil-kuntest ta' tilwima reali, parti titlob aċċess għal dokument kunfidenzjali fil-pussess ta' istituzzjoni tal-Unjoni li l-iżvelar tiegħu jista' fil-fatt jippreġudika l-kapaċità ta' din l-istituzzjoni li twettaq id-dmirijiet tagħha barra mill-awla ta' qorti.

136. Fit-tieni lok, il-ħtieġa li jiġu protetti d-deliberazzjonijiet interni tal-Unjoni jew tal-istituzzjonijiet nazzjonali – u b'mod partikolari, il-kapaċità tagħhom li *jiksbu parir legali* u li jirċievu pariri bi frankezza, oġġettività u komprensività – tista' wkoll tiġġustifika xi limitazzjonijiet għall-abbiltà tal-partijiet li jissottomettu dokumenti li ma kinux, u ma kinux maħsuba biex ikunu rrilaxxati pubblikament[80]. Fil-fatt, il-konsulenti legali jistgħu joqogħdu lura milli jipprovdu pariri ddettaljati bil-miktub jekk ikunu konxji li l-istituzzjoni tal-Unjoni tista' fl-aħħar mill-aħħar tiddeċiedi li ma ssegwihomx, u li iktar tard jistgħu jkunu kkonfrontati bil-parir tagħhom stess f'awla ta' qorti, meta jiddefendu d-deċiżjoni ta' dik l-istituzzjoni.

137. Fit-tielet lok, ċertament jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom ċerti dokumenti jkollhom informazzjoni sensittiva, bħal *data personali sensittiva*, li tista', jekk tiġi rrilaxxata, tippreġudika l-ħajja privata jew professjonali ta' ċertu individwu. *Mutatis mutandis*, is-sitwazzjoni tista' tkun simili fir-rigward ta' *sigrieti tan-negozju*. F'dawn il-każijiet, il-qrati tal-Unjoni jista' jkollhom bżonn jiżnu l-interess ta' parti li tissottometti (jew tikseb) il-provi meħtieġa biex tippermettilha teżerċita sew id-dritt tagħha għal rimedju ġudizzjarju effettiv, minn naħa, fil-konfront tal-iżvantaġġi li l-iżvelar ta' tali provi x'aktarx iwassal fir-rigward tal-privatezza ta' individwu jew kwalunkwe interessi protetti oħra, min-naħa l-oħra[81].

138. Fis-sitwazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, il-qorti tal-Unjoni kkonċernata għandha tiżen l-interessi konkorrenti involuti, sabiex tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tad-dokument. Dan ifisser li tevalwa l-konsegwenzi probabbli li jirriżultaw minn, rispettivament, l-ammissibbiltà u n-nuqqas ta' ammissibbiltà tad-dokument[82]. Minn naħa, il-Qorti tal-Unjoni għandha tiddetermina jekk l-interess jew interessi li jitolbu għan-nuqqas ta' żvelar humiex reali u jistħoqqilhomx protezzjoni, u għandha tevalwa t-tip u l-kobor tal-ħsara possibbli kkawżata, jekk

79 Ara l-punt 128 tad-digriet appellat u l-ġurisprudenza appellata.

80 Ara, *inter alia*, id-digrieti tat-23 ta' Ottubru 2002, L-Awstrija vs Il-Kunsill (C-445/00, EU:C:2002:607, punti 12 u 13), u tat-23 ta' Marzu 2007, Stadtgemeinde Frohnleiten u Gemeindebetriebe Frohnleiten (C-221/06, EU:C:2007:185, punti 20 sa 22), u s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2020, Is-Slovenja vs Il-Kroazja (C-457/18, EU:C:2020:65, punt 70).

81 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-23 ta' Settembru 2015, Cerafogli vs BĊE (T-114/13 P, EU:T:2015:678, punt 43).

82 F'dan ir-rigward, b'mod ġenerali, ara Barents, R., Remedies and Procedures Before the EU Courts, it-tieni edizzjoni, Wolters Kluwer, 2020, paġni 651 u 652.

il-produzzjoni tad-dokument tkun awtorizzata [83]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tevalwa jekk u sa liema punt ir-rwol tagħha bħala "ġudikant tal-fatt" jista' jiġi affettwat b'mod negattiv jekk id-dokument ma jiġix prodott: id-dokument inkwistjoni huwa possibbilment importanti, jew saħansitra deċiżiv, biex jiġu stabbiliti ċerti fatti, jew huwa sempliċement wieħed fost id-diversi dokumenti li jistgħu jkunu utli għal dak il-għan [84]? Barra minn hekk, hemm xi interess "intraġudizzjarju" ieħor, bħall-ekonomija tal-proċedura, l-ekwità tal-proċedimenti, jew ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża, li jistgħu, skont iċ-ċirkustanzi, ixaqilbu favur l-aċċettazzjoni jew le ta' ċerti dokumenti [85]?

139. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat b'mod ċar li r-regoli dwar il-produzzjoni ta' provi fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji, u dawk taħt ir-Regolament Nru 1049/2001, jikkoinċidu, fi grad limitat, f'termini ta' kontribut – man-natura ta' interessi li jistgħu jiġu bbilanċjati mal-iżvelar. B'kuntrast, fir-rigward tal-eżerċizzju ta' bbilanċjar innifsu, u fuq kollox, fir-rigward tar-riżultat probabbli tiegħu, huma differenti ħafna. Fil-fatt, huwa pjuttost probabbli li, fir-rigward ta' numru kbir ta' dokumenti, il-protezzjoni ta' ċerti interessi tista' tiġġustifika r-rifjut ta' applikazzjoni għall-aċċess ta' dokumenti fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001, filwaqt li l-istess raġunijiet ma jkunux biżżejjed biex jiġi ġġustifikat sfilz mill-proċess f'tilwima quddiem il-qrati tal-Unjoni [86].

140. Kieku kien mod ieħor, l-amalgamazzjoni *de facto* taż-żewġ reġimi twassal għal numru ta' riżultati dubjużi ħafna, minn tal-inqas. Fl-ewwel lok, l-unika qorti intitolata tissorvelja bis-sħiħ l-istituzzjonijiet tal-Unjoni titħalla bl-istess livell ta' aċċess għall-informazzjoni fit-twettiq ta' dan il-kompitu bħal kull Tizju u Sempronju ieħor. Fit-tieni lok, id-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-provi quddiem il-qrati tal-Unjoni tkun, fil-biċċa l-kbira, effettivament qiegħda titħalla, f'idejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li huma stess jagħżlu d-dokumenti li jkunu jixtiequ li jiġu mistħarrġa. Fit-tielet lok, dan kollu jwassal, bħala l-konsegwenza pjuttost oneruża tiegħu, għar-riżultat li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tispiċċa tiċċensura jew issikket kompletament, parti li normalment ikollha dritt bla xkiel li titkellem liberament magħha, potenzjalment għad-detriment tad-dritt ta' dik il-parti li tinstema' taħt l-Artikolu 47 tal-Karta.

141. Dan kollu li ntqal ma huwiex, fil-fehma tiegħi, wara li titqies ir-realtà soċjali l-ġdida f'termini ta' tixrid u aċċess għall-informazzjoni [87], ta' benefiċċju għall-operat u l-perċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Iktar u iktar ta' spiss, il-qrati tal-Unjoni qegħdin jintalbu mill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni biex jidhru f'*commedia dell'arte* pjuttost stramba, bis-Sigriet ta' Pulcinella effettivament magħruf minn kulħadd ħlief mill-Qorti tal-Ġustizzja, jew aħjar bil-Qorti tal-Ġustizzja bħala l-unika waħda pprojbita milli tikxef is-sigriet. Bir-rispett u l-affezzjoni dovuti kollha għall-*commedia dell'arte*, dan ma tantx jista' jkun rwol fejjiedi għal kwalunkwe qorti.

83 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2015, Dalli vs Il-Kummissjoni (T-562/12, EU:T:2015:270, punti 50 sa 53).

84 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Frar 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-425/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:91, punti 22 sa 24); u s-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2001, Dunnett *et* vs BEI (T-192/99, EU:T:2001:7, punti 33 u 34); tal-11 ta' Lulju 2014, Esso *et* vs Il-Kummissjoni (T-540/08, EU:T:2014:630, punt 61); u tat-12 ta' Mejju 2015, Dalli vs Il-Kummssjoni (T-562/12, EU:T:2015:270, punt 51).

85 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2014, Esso *et* vs Il-Kummissjoni (T-540/08, EU:T:2014:630, punt 62), u tal-4 ta' Lulju 2017, European Dynamics Luxembourg *et* vs L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (T-392/15, EU:T:2017:462, punti 52 sa 56), u d-digriet tal-25 ta' Frar 2015, BPC Lux 2 *et* vs Il-Kummissjoni (T-812/14 R, mhux ippubblikata, EU:T:2015:119, punt 14).

86 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, L-Isvezja vs MyTravel u Il-Kummissjoni (C-506/08 P, EU:C:2011:496, punt 118). Ara wkoll, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Dragnea vs Il-Kummissjoni (C-351/20 P, EU:C:2021:625, punt 92).

87 B'mod partikolari, iktar u iktar dokumenti qegħdin jidhru fid-dominju pubbliku, b'xi mod jew ieħor, mingħajr ma dan ikun attribwibbli lill-parti li wara tkun trid tinvokahom.

142. Fi ftit kliem, l-ammissibbiltà tal-provi fi proċeduri ġudizzjarji tiddependi biss miċ-ċirkustanzi rilevanti ta' kull każ. Il-qrati tal-Unjoni ma humiex ristretti minn xi regola riġida u jistgħu jiddeterminaw liberament jekk dokument huwiex rilevanti u, minkejja dan, jekk jeżistux ċirkustanzi speċifiċi li jimmilitaw kontra l-produzzjoni. Kif iddeċidiet dan l-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-evalwazzjoni tal-provi ma hijiex ir-riżultat ta' analiżi astratta, iżda pjuttost ta' eżami tal-fatti u ċ-ċirkustanzi fuq bażi ta' każ b'każ" [88].

143. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar ukoll li, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqajjem kwistjoni ta' ammissibbiltà ta' provi *ex officio*, normalment hija l-parti li topponi l-produzzjoni ta' dokument li għandha tispjega lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'ċarezza u dettall [89], u fil-ħin [90], kif l-interess invokat ikun speċifikament ippreġudikat minn żvelar. Dikjarazzjonijiet vagi jew ġeneriċi f'dan ir-rigward ma humiex biżżejjed [91].

c) Il-konsegwenzi differenti fil-każ tal-produzzjoni tal-provi, minn naħa, u l-aċċess għad-dokumenti, min-naħa l-oħra

144. F'dan il-punt, huwa importanti li jiġi enfasizzat aspett ieħor li jiddistingwi r-reġim ta' aċċess għal dokumenti minn dak ta' produzzjoni ta' provi quddiem il-qrati tal-Unjoni. Jikkonċerna l-*konsegwenzi* potenzjali li jirriżultaw mill-"iskoperta" tad-dokumenti inkwistjoni. B'differenza mill-eżitu pjuttost binarju taħt ir-Regolament Nru 1049/2001 (l-aċċess jingħata jew ma jingħatax), il-proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni jippermettu soluzzjonijiet oħra ħafna iktar proporzjonati minn dik ta' sfilz komplet ta' dokument mill-proċess.

145. Istituzzjoni tal-Unjoni ma għadhiex tista' tikkontrolla jew tillimita ċ-ċirkulazzjoni ta' dokument li għalih tkun tat aċċess skont ir-Regolament Nru 1049/2001. B'kuntrast ma' dan, jeżistu regoli speċifiċi, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, biex tiġi ssalvagwardjata l-kunfidenzjalità ta' dokumenti u informazzjoni sottomessi mill-partijiet fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji [92]. B'mod partikolari, regoli *ad hoc* li jirregolaw l-aċċess għall-proċessi [93], jiżguraw li informazzjoni kunfidenzjali ma tiġix riprodotta fid-dokumenti li l-pubbliku għandu aċċess għalihom [94], u jippermettu li informazzjoni kunfidenzjali tiġi eskluża mis-servizz jew komunikazzjoni lill-partijiet l-oħra [95].

146. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-qrati tal-Unjoni għandhom varjetà ta' strumenti għad-dispożizzjoni tagħhom li jistgħu jintużaw biex jissodisfaw il-ħtieġa li tiġi protetta l-kunfidenzjalità ta' dokumenti (jew partijiet minnhom), ippreżentati fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji vis-à-vis il-partijiet l-oħra, filwaqt li fl-istess waqt jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet kollha. Pereżempju, f'xi każijiet, il-qrati tal-Unjoni talbu lil parti biex tipproduċi

88 Digriet tat-12 ta' Ġunju 2019, OY vs Il-Kummissjoni (C-816/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:486, punt 7).

89 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2000, Ghignone *et* vs Il-Kunsill (T-44/97, EU:T:2000:258, punt 45), u, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, L-Isvezja vs MyTravel u Il-Kummissjoni (C-506/08 P, EU:C:2011:496, punt 115).

90 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni (C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:524, punti 60 u 61).

91 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, L-Isvezja vs MyTravel u Il-Kummissjoni (C-506/08 P, EU:C:2011:496, punt 116 u l-ġurisprudenza ċċitata).

92 Ara, *in primis*, l-Artikolu 15(3) TFUE.

93 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 38 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, u l-Artikolu 22(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

94 Ara, b'mod partikolari l-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Ara wkoll is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05, EU:T:2010:266, punt 25).

95 Ara, b'mod partikolari l-Artikolu 68(4), l-Artikolu 103, l-Artikolu 104 u l-Artikolu 144 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, u l-Artikolu 131(2) sa (4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ara wkoll is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2010, Il-Kummissjoni vs Meierhofer (T-560/08 P, EU:T:2010:192, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti inkwistjoni jew sommarju tagħhom, sabiex dawk id-dokumenti jiġu kkomunikati lill-partijiet l-oħra [96]. Barra minn hekk, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, il-qrati tal-Unjoni jistgħu jiddeċiedu li l-avukat tal-partijiet biss jista' jkollu aċċess għal ċerti provi [97] jew, f'każijiet estremi, li l-ebda aċċess għal ċerti dokumenti ma jingħata lill-partijiet l-oħra fil-proċedimenti [98].

147. B'ċertu mod, kull waħda minn dawn is-soluzzjonijiet potenzjali xorta tkun iktar proporzjonata u rispettuża, mhux biss tad-drittijiet tal-partijiet skont l-Artikolu 47 tal-Karta, iżda wkoll għar-rwol tal-qrati tal-Unjoni, milli esklużjoni skjetta tal-provi prodotti. Dan juri għal darba oħra li l-qrati tal-Unjoni ma jistgħux sempliċement "jissellfu" *en bloc* ir-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti u jużawhom bħallikieku applikaw ukoll għall-produzzjoni ta' provi quddiemhom. F'ċirkustanzi fejn hemm raġunijiet ġenwini biex ċerti dokumenti (parzjalment jew *in toto*) jinżammu kunfidenzjali vis-à-vis il-pubbliku ġenerali, jew anki l-partijiet, il-qrati tal-Unjoni tassew jistgħu jadottaw diversi miżuri sabiex jiżguraw din il-kunfidenzjalità waqt li jkunu fl-istess ħin qegħdin jippermettu lil parti tipproduċi l-provi li tqis rilevanti.

148. Wara li ntqal dan, issa ser nistħarreġ jekk l-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali f'din il-kawża fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-annessi inkwistjoni hijiex konsistenti mal-prinċipji msemmija iktar 'il fuq.

d) Żbalji ta' liġi relatati mal-produzzjoni tal-provi

149. Jiena tal-fehma li t-tieni aggravju tal-appellanti huwa, bħala prinċipju, fondat.

150. Fil-punt 39 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali (ġustament) iddikjarat li r-Regolament Nru 1049/2001 jista' jkollu *valur indikattiv*. Madankollu, imbagħad kompliet tapplika dawn ir-regoli għas-sitwazzjoni, pjuttost b'mod mekkaniku, mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni għall-fatt li l-problema inkwistjoni u l-kwistjoni legali li trid tiġi solvuta quddiem din il-qorti kienet jekk l-annessi inkwistjoni kellhomx jiġu ssfilzati mill-proċess tal-kawża, u mhux jekk kellux jingħata aċċess pubbliku għal dawk id-dokumenti.

151. Fi kliem ieħor, imkien fid-digriet appellat – jiġifieri la fit-taqsima intitolata "Fuq il-kwistjoni ta' proċedura mqajma mill-Kunsill" [99] u lanqas fit-taqsima intitolata "Fuq it-talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura" [100] – ma hemm indikazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni li fil-fatt hija differenti minn dik meħtieġa mir-Regolament Nru 1049/2001. Ma jidhirx li l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni l-valuri differenti (jew għamlet eżerċizzju ta' bilanċ) li jirfdu l-ammissibbiltà tal-provi quddiem il-qrati tal-Unjoni.

96 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni (F-50/09, EU:F:2011:55, punt 156).

97 Ara s-sentenza tal-10 ta' April 2019, Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni (T-301/16, EU:T:2019:234, punti 48 sa 51).

98 Ara l-Artikolu 105(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, u l-Artikolu 190a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ara wkoll id-Deċiżjoni (UE) 2016/2386 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2016 dwar ir-regoli ta' sigurtà applikabbli għall-informazzjoni jew għall-annessi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali taħt l-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha (ĠU 2016, L 355, p. 5), u d-Deċiżjoni (UE) 2016/2387 tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-regoli ta' sigurtà applikabbli għall-informazzjoni jew għall-annessi prodotti taħt l-Artikolu 105(1) jew (2) tar-Regoli tal-Proċedura (ĠU 2016, L 355, p. 18).

99 Din it-taqsima hija magħmula minn xi "osservazzjonijiet preliminari", li fihom il-Qorti Ġenerali ppruvat tistabbilixxi l-qafas legali applikabbli (punti 38 sa 46) u minn tliet taqsimiet speċifiċi li fihom, min-naħa tagħha, hija applikat dan il-qafas biex teżamina l-ammissibbilità tad-diversi dokumenti kkonċernati mit-talba tal-Kunsill (punti 47 sa 56 fir-rigward tal-ewwel dokument inkwistjoni, il-punti 57 sa 64 fir-rigward tat-tieni dokument inkwistjoni, u l-punti 65 sa 68 fir-rigward tat-tielet dokument inkwistjoni).

100 Punti 125 sa 135 tad-digriet appellat.

152. Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali identifikat l-interessi li l-protezzjoni tagħhom setgħet tiġġustifika sfilz mill-proċess fuq il-bażi tal-Artikolu 4(1), (2) u (3) tar-Regolament Nru 1049/2001. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali rreferiet għall-ħtieġa li (i) jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jirċievu parir legali ċar, oġġettiv u komprensiv[101], (ii) tiġi evitata l-eważjoni tar-regoli dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti[102], u (iii) ma jiġux imminati r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea[103]. F'dan ir-rigward, naqbel mal-Qorti Ġenerali li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, dawn l-istess interessi jistgħu jiġġustifikaw ukoll rifjut mill-qrati tal-Unjoni li jaċċettaw ċerti dokumenti bħala provi.

153. Għall-kuntrarju, il-mod li bih il-Qorti Ġenerali mbagħad kompliet tevalwa jekk u kif dawn l-interessi jistgħu, f'din il-kawża, jiġu ppreġudikati jekk l-annessi inkwistjoni jinżammu fil-proċess, ma huwiex konvinċenti. Matul dan l-eżami, il-Qorti Ġenerali ma tat l-ebda kunsiderazzjoni għal xi interessi "intraġudizzjarji" li setgħu, possibbilment, ipprovdew lil din il-qorti b'raġuni sabiex tiċħad it-talba tal-Kunsill. Huwa, għalhekk, f'dan il-kuntest li d-dipendenza għamja fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1049/2001 wasslet lill-Qorti Ġenerali biex twettaq żball ta' liġi. L-aspetti li ġejjin huma partikolarment illustrattivi f'dan ir-rigward.

154. Fl-ewwel lok, ma ngħatat l-ebda kunsiderazzjoni għall-ħtieġa possibbli li l-Qorti Ġenerali nnifisha jkollha aċċess għad-dokumenti inkwistjoni sabiex tasal għal fehma informata tal-fatti allegati[104], u lanqas għal-limitazzjoni tad-dritt tad-difiża tal-appellanti (li jinkludi l-libertà tagħha li tipproduċi l-provi) li tirriżulta mill-isfilz possibbli mill-proċess tal-annessi inkwistjoni. Dan in-nuqqas huwa saħansitra iktar sorprendenti fid-dawl tal-fatt li l-appellanti kienet argumentat li wħud mill-annessi inkwistjoni kienu "deċiżivi" sabiex tipprova wieħed mill-argumenti tagħha.

155. Fit-tieni lok, il-ħsara allegata għall-interessi invokati mill-Kunsill tirriżulta – fil-fehma tal-Qorti Ġenerali – mis-sempliċi fatt li l-annessi inkwistjoni jistgħu jinżammu fil-proċess u jiġu eżaminati mill-Qorti Ġenerali. Il-Kunsill ma kienx meħtieġ mill-Qorti Ġenerali li jispjega fid-dettall, aħseb u ara li jipprova bl-istandard meħtieġ, il-mod li bih, u l-grad li bih, l-interessi invokati jistgħu jiġu speċifikament ippreġudikati.

156. Anki jekk wieħed jikkunsidra li sempliċi assunzjonijiet min-naħa tal-Qorti Ġenerali jistgħu jitqiesu biżżejjed fir-rigward tal-ħtieġa li tiġi evitata l-eważjoni tar-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti[105] u għall-protezzjoni tal-pariri legali (*quod non*)[106], l-istess ma jistax jingħad dwar tali suppożizzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali tidher li tinjora l-fatt li l-appellanti diġà għandha l-annessi inkwistjoni u għalhekk tista' tagħmel użu minnhom fi kwalunkwe forum oħra kif jidhrilha. Fi kwalunkwe każ, filwaqt li jista' jkun hemm riskju li l-annessi inkwistjoni jistgħu jikxfu l-objettiv strateġiku tal-Unjoni Ewropea f'negozjati futuri mar-Russja, u b'hekk idgħajfu l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jikkonkludu ftehim sodisfaċenti, kieku d-dokumenti inkwistojni kienu żvelati pubblikament, dan ċertament ma jfissirx li riskju bħal dan jinħoloq bħala riżultat tal-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti fi proċeduri ġudizzjarji.

101 Punti 40, 52 u 55 tad-digriet appellat.

102 Punt 51 tad-digriet appellat.

103 Punti 41, 42 u 135 tad-digriet appellat.

104 Ċerti kunsiderazzjonijiet fil-qosor dwar dan il-punt jistgħu, forsi, jitqiesu bħala "impliċiti" fil-punt 129 tad-digriet appellat fir-rigward tad-Dokumenti Ġermaniżi Mingħajr Tħassir.

105 Ara b'mod partikolari l-punt 51 tad-digriet appellat.

106 Ara b'mod partikolari l-punt 52 tad-digriet appellat.

157. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-iżvelar tal-kontenut tad-Dokumenti tal-Ġermanja Mingħajr Tħassir f'din il-kawża jista' jdgħajjef il-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea, lanqas ma tista' titqies bħala korretta [107]. Qabelxejn, la fid-digriet appellat, u lanqas fis-sottomissjonijiet tal-appellati u tal-intervenjenti, ma hemm xi spjegazzjoni ċara mogħtija dwar għaliex il-bidu tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 26 tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija [108] mill-appellanti (investitur privat) kontra l-Unjoni għandha tikkonċerna relazzjonijiet *internazzjonali stricto sensu* (jiġifieri, relazzjonijiet bejn l-Unjoni u Stati terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew entitajiet simili). Mal-ewwel daqqa ta' għajn, din tidher bħala tilwima privata.

158. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li l-ġudikatura tal-Unjoni tista' teżamina dawn id-dokumenti ma "tagħtix leġittimità" awtomatika lil dawn id-dokumenti. Dan jiġri biss jekk il-Qorti Ġenerali *tistrieħ* fuq dawn id-dokumenti u tapprova l-kontenut tagħhom.

159. Barra minn hekk, u ħaġa pjuttost importanti, hemm xi ħaġa intrinsikament dubjuża fil-perċezzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza u l-ftuħ tar-Regolament Nru 1049/2001 bħala li jirrappreżentaw korp ta' regoli li jippermetti lill-istituzzjonijiet jirrifjutaw l-iżvelar kull darba li jkun hemm dokument li jista' potenzjalment jiġi użat fi proċeduri kontra l-Unjoni. Wieħed mill-għanijiet stess ta' dak il-korp ta' regoli huwa li jippermetti sorveljanza pubblika fuq l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. *A fortiori*, dan għandu jkun validu fir-rigward tar-regoli dwar il-produzzjoni ta' provi, regoli li ma tantx jistgħu jidhru li jiffavorixxu parti (pubblika) minn parti (privata) oħra.

160. Fit-tielet lok, meta evalwat *speċifikament* jekk għandhiex issir eċċezzjoni (sfilz mill-proċess tal-annessi inkwistjoni) għar-regola (ammissibbiltà tal-provi), il-Qorti Ġenerali bażikament applikat id-dispożizzjonijiet ta', u l-ġurisprudenza dwar, ir-Regolament Nru 1049/2001. Ir-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tat-tneħħija tar-Rakkomandazzjoni huwa partikolarment indikattiv ta' dan l-approċċ. Il-motivazzjonijiet tikkonċerna biss l-iżvelar tad-dokument lill-pubbliku, u mhux l-isfilz mill-proċess. Peress li r-rifjut li jiġi żvelat pubblikament id-dokument instab li huwa ġġustifikat, *inevitabbilment* segwa – skont il-Qorti Ġenerali – li l-produzzjoni ta' dan id-dokument fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji kellha wkoll tiġi prekluża [109]. Bl-istess mod, l-isfilz mill-proċess tad-Dokumenti tal-Ġermanja Mingħajr Tħassir kien ibbażat biss fuq impatt allegatament detrimentali li l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti fil-proċeduri jista' jkollu għall-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea "fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1049/2001" [110]. Dan, kif spjegat fil-punt 139 iktar 'il fuq, ma jistax ikun korrett.

161. Fir-raba' lok, l-istess approċċ problematiku ġie segwit fl-uniku każ fejn, wara li kkonkludiet li l-produzzjoni tal-annessi inkwistjoni tista' effettivament tagħmel ħsara lill-interessi pubbliċi invokati mill-Kunsill, il-Qorti Ġenerali fittxet li tevalwa jekk kienx hemm raġunijiet li setgħu, madankollu, jiġġustifikaw li d-*dokumenti jinżammu fil-proċess*. Fil-punt 54 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali essenzjalment ħtieġet mingħand l-appellanti l-produzzjoni tal-prova

[107] Punt 135 tad-digriet appellat.

[108] Il-proċeduri ta' arbitraġġ bdew fis-26 ta' Settembru 2019 skont l-Artikolu 26(4)(b) tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u l-Artikolu 3 tar-Regoli tal-Arbitraġġ tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Kummerċ Internazzjonali (UNCITRAL) 1976.

[109] Punti 57 sa 63 tad-digriet appellat. Il-punt 63 huwa partikolarment indikattiv f'dan ir-rigward: il-Qorti Ġenerali kkonkludiet l-analiżi billi ddikjarat li "l-Kunsill ġustament iqis li l-*iżvelar* ta' dan id-dokument jippreġudika konkretament u effettivament il-protezzjoni tal-interess pubbliku f'dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1049/2001 […] li jiġġustifika, *fih innifsu*, li l-imsemmi dokument jiġi sfilżat mill-proċess, mingħajr ma jkun neċessarju li tiġi bbilanċjata l-protezzjoni ta' dan l-interess pubbliku ma' interess ġenerali superjuri […]". L-enfasi hija tiegħi.

[110] Punt 135 tad-digriet appellat.

tal-eżistenza ta' "interess pubbliku superjuri" biex jinżamm l-ewwel dokument inkwistjoni fil-proċess. Fin-nuqqas ta' tali interess pubbliku superjuri, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-dritt tal-appellanti li tippreżenta provi ma kienx jistħoqqlu protezzjoni peress li l-appellanti kienet qiegħda ssegwi biss l-interess privat tagħha stess.

162. Madankollu, filwaqt li r-rekwiżit li jiġi pprovat "interess pubbliku superjuri" huwa raġonevoli fil-kuntest ta' evalwazzjoni dwar jekk dokument għandux jiġi żvelat pubblikament minn istituzzjoni jew le, ma jagħmel l-ebda sens fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji. Rikorrent privat ikun qiegħed minnu nnifsu jsegwi l-interess privat tiegħu stess meta jibda proċeduri ġudizzjarji [111]. Ma tantx ikun kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi li kieku rikorrenti li jibdew proċeduri għal kawżi "nobbli" [112] kellhom igawdu drittijiet u garanziji proċedurali iktar b'saħħithom minn applikanti li jagħmlu kawżi għall-interessi privati tagħhom stess.

163. Fi kwalunkwe każ, anki jekk wieħed isegwi r-raġunament problematiku tal-Qorti Ġenerali, ma jkunx diffiċli li jiġu identifikati xi interessi pubbliċi importanti li jkunu moqdija aħjar minn qorti li tkun kapaċi teżamina d-dokumenti rilevanti kollha. Pereżempju, qrati informati aħjar huma iktar effettivi biex jiżguraw amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja (peress li huwa inqas probabbli li jwettqu ċerti żbalji ġudizzjarji), u fit-tisħiħ tal-Istat tad-dritt (billi jeħilsu l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni minn atti potenzjalment illegali). Jidhirli li dawn l-interessi huma inerenti fil-proċeduri ġudizzjarji kollha, mhux biss dawk imressqa minn "Samaritani tajbin" [113].

164. Fl-aħħar nett fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali naqset ukoll milli tikkunsidra l-fatt li, mill-inqas uħud mill-annessi inkwistjoni (id-Dokumenti tal-Ġermanja Mingħajr Tħassir), jikkonċernaw proċedura leġiżlattiva li, skont il-ġurisprudenza, teħtieġ iktar trasparenza u b'hekk aċċess usa' [114]. Fil-punt 131 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet dan il-fatt iżda mbagħad naqset milli tevalwa jekk, fil-każ inkwistjoni, dan il-fatt setax kellu xi impatt.

165. Fil-ħames lok, l-istess approċċ żbaljat mill-Qorti Ġenerali jista' jinstab ukoll fis-siltiet fejn din il-qorti evalwat il-*provi* prodotti mill-partijiet biex jikkorroboraw l-argumenti tagħhom dwar l-ammissibbiltà. Fil-punt 53 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali aċċettat li parti waħda, il-Kunsill, kienet issostanzjat l-argumenti tagħha dwar il-ħtieġa li jiġi sfilzat dokument mill-proċess *billi pproduċiet id-deċiżjoni tagħha stess li rrifjutat* aċċess għalih.

166. Naturalment ma iniex qiegħed nimplika li d-deċiżjoni tal-Kunsill ma għandha tkun ta' ebda rilevanza f'dan il-kuntest. Madankollu, ċertament ma tistax tkun *deċiżiva* kif jidher li kkunsidratha l-Qorti Ġenerali. Dik id-deċiżjoni sempliċement irriflettiet l-opinjoni tal-awtur tiegħu – l-istess parti li pproduċietha quddiem il-Qorti Ġenerali – dwar kwistjoni relatata iżda, kif ingħad, mhux identika: in-nuqqas ta' aċċessibilità tad-dokument skont ir-Regolament Nru 1049/2001. Għal

111 Bilkemm għandi bżonn nindika, f'dan il-kuntest, li weħed mir-rekwiżiti għal-*locus standi* ta' rikorrenti privati huwa, preċiżament, l-eżistenza ta' interess ġuridiku.

112 Mingħajr ma nidħlu fil-kwistjoni ta' min ikun f'pożizzjoni li jiddeċiedi (u kif) x'inhi kawża nobbli denja ta' drittijiet speċjali, u x'inhu sempliċement egoiżmu individwali normali.

113 Għall-finijiet ta' kompletezza, jista' jingħad ukoll li l-ġurisprudenza li għaliha għamlet riferiment il-Qorti Ġenerali f'dan il-kuntest kienet tikkonċerna tipi differenti ta' azzjonijiet u (parzjalment) ukoll tipi differenti ta' dokumenti. Iż-żewġ deċiżjonijiet iċċitati fl-aħħar tal-punt 54 tad-digriet appellat ingħataw f'tilwim bejn *rikorrent pprivileġġati* li, skont ir-regoli tat-Trattati u tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huma minnhom innifishom f'pożizzjoni differenti minn dik ta' rikorrenti privati (bħall-appellanti f'din il-kawża).

114 Ara, b'mod partikolari, il-premessa 6 tar-Regolament Nru 1049/2001. Ara wkoll is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2008, L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill (C-39/05 P u C-52/05 P, EU:C:2008:374, punti 45 sa 47), u tal-4 ta' Settembru 2018, ClientEarth vs Il-Kummissjoni (C-57/16 P, EU:C:2018:660, punti 84 sa 95).

darba oħra, kif imsemmi fil-punt 139 iktar 'il fuq, anki deċiżjoni leġittima ta' nuqqas ta' żvelar taħt ir-Regolament Nru 1049/2001 ma twassalx għall-inammissibbiltà awtomatika tad-dokument inkwistjoni bħala prova quddiem il-qrati tal-Unjoni.

167. Barra minn hekk, għall-iskopijiet prattiċi kollha, li wieħed japprova l-approċċ tal-Qorti Ġenerali jkun ifisser li tiġi permessa l-għażla personali ta' provi ammissibbli mill-istituzzjoni intimata [115]. Fil-fatt, permezz tan-nuqqas ta' żvelar ta' dokument skont ir-Regolament Nru 1049/2001, istituzzjoni tkun f'pożizzjoni li tagħżel il-provi li kwalunkwe parti li tkun tixtieq tikkontesta l-att tagħha quddiem il-qrati tal-Unjoni tkun tista' tuża. Dan huwa pjuttost problematiku mill-perspettiva tal-prinċipji ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u stħarriġ ġudizzjarju effettiv.

168. Barra minn hekk, huwa veru li, ġeneralment, dokumenti interni tal-istituzzjonijiet li fihom parir legali jistgħu jiġu sottomessi biss jekk il-produzzjoni tkun ġiet awtorizzata mill-istituzzjoni inkwistjoni jew ordnata mill-qorti tal-Unjoni kkonċernata [116]. Madankollu, huwa veru wkoll li, skont linja konsistenti ta' ġurisprudenza, anki dokumenti kunfidenzjali jew interni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu, f'ċerti każijiet, jitqiegħdu legalment fil-proċess, minkejja oppożizzjoni mill-istituzzjoni rilevanti [117]. Tassew jista' jkun hemm ċirkustanzi li fihom l-illegalità ta' att partikolari tal-Unjoni tista' tiġi pprovata biss fuq il-bażi ta' dokumenti interni jew kunfidenzjali [118]. Il-Qorti Ġenerali sempliċement "injorat" din il-ġurisprudenza tal-aħħar u l-argumenti relatati tal-appellanti.

169. L-iżball f'termini tar-rekwiżit li l-partijiet jikkorroboraw l-argumenti tagħhom huwa saħansitra iktar impressjonanti fir-rigward tal-evalwazzjoni magħmula dwar id-Dokumenti tal-Ġermanja Mingħajr Tħassir: dokumenti li ma nkitbux mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni iżda (preżumibbilment) mill-Gvern Ġermaniż. Il-Qorti Ġenerali segwiet it-talba tal-Kunsill u ordnat li jiġu ssfilzati mill-proċess sempliċement fuq il-bażi ta' żewġ assunzjonijiet. L-ewwel, il-Qorti Ġenerali ppreżumiet li huma kunfidenzjali, mingħajr lanqas biss talbet il-konferma tal-Gvern Ġermaniż dwar dan il-punt [119]. It-tieni, il-Qorti Ġenerali ppreżumiet li l-appellanti kienet kisbet dawn id-dokumenti illegalment, sempliċement minħabba li l-appellanti ma pprovdietx provi li juru li kienu nkisbu legalment, minkejja li din il-parti ċaħdet xi mġiba ħażina [120]. Madankollu, f'konformità mal-prinċipji ġenerali dwar l-oneru tal-prova, kellu jkun il-Kunsill li jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu.

170. Bħala konklużjoni, it-tieni aggravju tal-appellanti huwa wkoll fondat. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi applikat qafas analitiku żbaljat meta stħarrġet l-ammissibbiltà tal-annessi inkwistjoni.

171. Il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, applikat ir-regoli stabbiliti u l-loġika segwita fir-Regolament Nru 1049/2001, sabiex tevalwa l-ammissibbiltà tal-annessi inkwistjoni. Pjuttost milli sempliċement tieħu, fejn xieraq, xi ispirazzjoni minn dawn ir-regoli, il-Qorti Ġenerali

115 Ara diġà iktar 'il fuq, il-punt 140 ta' dawn il-konklużjonijiet.

116 Ara, *inter alia*, id-digrieti tat-23 ta' Ottubru 2002, L-Awstrija vs Il-Kunsill (C-445/00, EU:C:2002:607, punt 12), u tal-14 ta' Mejju 2019, L-Ungerija vs Il-Parlament (C-650/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:438, punt 8).

117 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2018, QB vs BĊE (T-827/16, ECLI:EU:T:2018:756, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 1985, Il-Kummissjoni vs Tordeur (C-232/84, EU:C:1985:392), u d-digriet tal-15 ta' Ottubru 1986, LAISA vs Il-Kunsill (31/86, mhux ippubblikata).

118 Dak jista' jkun il-każ fejn azzjonijiet isiru fuq il-bażi ta' użu ħażin ta' poter, jew wara informazzjoni minn informaturi, jew fejn azzjonijiet jistgħu jinvolvu xi responsabbiltà kriminali min-naħa ta' ċerti membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet.

119 Li, kif imsemmi fil-punt 116 iktar 'il fuq, kellha s-setgħa li tagħmel.

120 Punti 131 sa 135 tad-digriet appellat.

sempliċement ittrattat il-produzzjoni tal-appellanti tal-annessi inkwistjoni *daqslikieku* kienet tikkonċerna talba għal aċċess għal dokumenti skont ir-Regolament Nru 1049/2001. Jidher li d-differenzi ovvji bejn iż-żewġ oqfsa legali ma ttiħdux inkunsiderazzjoni. Lanqas ma ngħatat l-ebda kunsiderazzjoni għal kwalunkwe interess "intraġudizzjarju" possibbli li seta' ssuġġerixxa li dawn id-dokumenti għandhom jinżammu fil-proċess. Meta għamlet dan, jew pjuttost, għal iktar preċiżjoni, meta naqset milli tagħmel dan, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipji li jirregolaw il-produzzjoni tal-provi msemmija iktar 'il fuq, b'mod kuntrarju għall-ġurisprudenza stabbilita sew.

172. Għaldaqstant, id-digriet appellat għandu jiġi annullat wkoll sa fejn il-Qorti Ġenerali ordnat l-isfilz tal-annessi inkwistjoni mill-proċess u ddeċidiet li ma kienx hemm bżonn li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-siltiet tas-sottomissjonijiet li fihom estratti ta' dawn id-dokumenti ġew riprodotti (punti 1 u 3 tad-dispożittiv).

e) L-annessi inkwistjoni ma humiex rilevanti għall-proċeduri preżenti

173. Kif imsemmi fil-punt 25 iktar 'il fuq, wara miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottata skont l-Artikolu 62(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali, l-appellanti ssottomettiet l-annessi inkwistjoni.

174. Wara li eżaminajt dawn id-dokumenti, ma nikkunsidrax li huma rilevanti għall-finijiet tal-proċeduri ta' appell preżenti.

175. Fid-dawl tal-argumenti mressqa mill-appellanti kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, jidhirli li, permezz ta' dawn id-dokumenti, l-appellanti essenzjalment segwiet żewġ għanijiet. L-ewwel, l-appellanti riedet li "ssaħħaħ" ċerti argumenti legali magħmula fil-kawża inkwistjoni, billi turi l-pożizzjoni meħuda f'dan ir-rigward minn xi istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mill-Gvernijiet tal-Istati Membri. It-tieni, l-appellanti riedet li tikkorrobora l-allegazzjoni tagħha li l-pipeline tagħha kien il-mira ewlenija tal-miżura kkontestata.

176. Madankollu, ma iniex persważ li l-annessi inkwistjoni huma verament ta' għajnuna għall-Qorti tal-Ġustizzja f'xi wieħed minn dawn l-elementi.

177. Fl-ewwel lok, fil-fehma tiegħi, is-sitwazzjoni fattwali quddiem din il-Qorti tal-Ġustizzja hija pjuttost ċara u, fi kwalunkwe każ, ma hijiex miftuħa għal eżami mill-ġdid fl-appell. Sa fejn huma kkonċernati argumenti legali potenzjali li jinsabu f'dawn l-annessi, *iura novit curia*. Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta d-dritt. Bilkemm jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-argumenti legali mressqa mill-appellanti, anki dawk potenzjalment meħuda minn dokument differenti [121], ma jsirux iktar kredibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja bis-sempliċi fatt li ġew ukoll approvati jew anki espressi qabel minn istituzzjoni tal-Unjoni jew Stat Membru. Il-kwistjoni hija pjuttost jekk dawn l-argumenti humiex konvinċenti mill-mertu tagħhom stess [122].

[121] Li, f'termini prattiċi, jibqa' possibbli. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'każijiet eċċezzjonali, tabilħaqq teskludi ċertu dokument mill-proċess, ċertament ma huwiex ir-rwol tagħha li tmexxi uffiċċju ta' ċensura u tivverifika s-sottomissjonijiet ta' parti rigward il-kontenut tiegħu, billi tivverifika u tikkontroverifika jekk argument legali mressaq minn parti kien possibbilment diġà jinsab f'dokument ieħor.

[122] Bil-linja bażi b'hekk tibqa' neċessarjament id-differenza bejn riferiment lil awtorità esterna ("dan huwa korrett għax istituzzjoni tal-Unjon qalet hekk, u hawn fejn qalitha") u l-argument indipendenti bbażat fuq il-mertu, metaforikament joqgħod fuq saqajh, mingħajr l-ebda ħtieġa li tiġi invokata awtorità esterna.

178. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-intenzjoni tal-appellanti li tikkorrobora l-argumenti tagħha li hija "individwalment ikkonċernata" mill-miżura kkontestata, naħseb li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha biżżejjed informazzjoni u provi fil-proċess f'dan ir-rigward. Kif ser nispjega fit-taqsima li ġejja, jiena tal-fehma li, tabilħaqq, l-appellanti hija kemm direttament kif ukoll individwalment ikkonċernata mill-miżura kkontestata u li l-informazzjoni meħtieġa għal din il-konklużjoni diġà fil-fatt tinsab fil-proċess jew fid-dominju pubbliku.

179. Għal dawn ir-raġunijiet, għalija ma huwiex neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk, ladarba jiġi applikat qafas legali korrett, l-annessi inkwistjoni għandhomx jitqiesu ammissibbli jew le. Għall-finijiet ta' dan l-appell, dawn huma irrilevanti.

180. Madankollu, kif spjegat fit-taqsimiet preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, meta waslet għall-konklużjoni tagħha dwar l-inammissibbiltà tal-annessi inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali applikat test legali żbaljat. Barra minn hekk, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-analiżi magħmula f'dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti Ġenerali tkun marbuta li terġa' tisma' l-każ.

181. F'ċirkustanzi bħal dawn, insib li huwa xieraq li nissuġġerixxi wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja li l-punti 1 u 3 tad-dispożittiv għandhom jiġu annullati. Dan għandu jippermetti lill-Qorti Ġenerali twettaq, jekk tinqala' l-ħtieġa, evalwazzjoni ġdida u speċifika għall-każ dwar l-ammissibbiltà ta' dawk l-annessi bħala provi, fid-dawl tal-elementi invokati quddiemha, din id-darba billi tuża l-kejl it-tajjeb.

VI. Konsegwenzi tal-evalwazzjoni: kif dan il-każ għandu jiġi deċiż

182. L-ewwel u t-tieni aggravju huma fondati. Għaldaqstant, il-punti 1, 3 u 4 tad-dispożittiv tad-digriet appellat għandhom jitwarrbu. Peress li l-partijiet l-oħra tad-digriet appellat huma anċillari, id-digriet appellat għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi annullat kollu kemm hu.

183. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara li tannulla deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tirreferi l-kawża lura lill-Qorti Ġenerali għal sentenza jew, fejn l-istat tal-proċeduri jippermetti dan, hija stess tista' tagħti ġudizzju finali dwar il-kwistjoni.

184. F'din il-kawża, jiena tal-fehma li l-istat tal-proċeduri jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tieħu pożizzjoni finali dwar il-*locus standi* tal-appellanti biex tressaq il-proċeduri (A). Madankollu, ma jippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja tittratta l-mertu tal-azzjoni (B).

A. Inċidenza individwali

185. Wara li kkonkludejt li l-appellanti kienet ikkonċernata direttament, sabiex tittieħed deċiżjoni finali dwar il-*locus standi* tagħha li tikkontesta l-miżura kkontestata, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk l-appellanti hijiex ukoll *individwalment* ikkonċernata minn din il-miżura. Għalkemm il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx dan il-punt, jiena tal-fehma li – billi l-kwistjoni hija legali u, barra minn hekk, pjuttost sempliċi – il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess tagħmel din l-evalwazzjoni.

186. Skont ġurisprudenza stabbilita, persuni għajr dawk li lilhom tkun indirizzata miżura jistgħu jsostnu li huma individwalment ikkonċernati, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, biss jekk dik il-miżura taffettwahom minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom jew

minħabba ċirkustanzi li fihom huma ddifferenzjati mill-persuni l-oħra kollha u bis-saħħa ta' dawk il-fatturi tiddistingwihom individwalment eżatt bħal fil-każ tal-persuna indirizzata b'tali miżura [123].

187. Ir-rikorrenti ma humiex, bħala prinċipju, ikkunsidrati bħala individwalment ikkonċernati minn miżuri li japplikaw għal sitwazzjonijiet iddeterminati oġġettivament u jipproduċu effetti legali fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni meqjusa b'mod ġenerali u fl-astratt [124]. Barra minn hekk, is-sempliċi possibbiltà li jiġi ddeterminat bejn wieħed u ieħor b'mod preċiż in-numru, jew saħansitra l-identità, tal-persuni li għalihom tapplika miżura bl-ebda mod ma timplika li għandha titqies bħala ta' interess individwali għalihom sakemm din il-miżura tkun applikata bis-saħħa ta' sitwazzjoni oġġettiva legali jew fattwali ddefinita minnha [125].

188. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara wkoll li l-fatt li miżura kkontestata hija, min-natura u l-ambitu tagħha, miżura ta' applikazzjoni ġenerali jew ta' natura leġiżlattiva sa fejn tapplika għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati b'mod ġenerali, minnu nnifsu ma jipprevjenix li tkun ta' inċidenza individwali għal uħud minnhom [126].

189. Dan ikun il-każ meta r-rikorrent ikun jista' jistabbilixxi "l-eżistenza ta' sitwazzjoni li mill-perspettiva tad-dispożizzjoni kkontestata jiddistingwih mill-[operaturi ekonomiċi] l-oħra kollha" [127]. Madankollu, dan ma jfissirx li r-rikorrent għandu jkun l-unika persuna partikolarment affettwata mill-miżura kkontestata sabiex jitqies li huwa individwalment ikkonċernat. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta miżura "tolqot grupp ta' persuni li kienu *identifikati jew setgħu jiġu identifikati* fil-mument meta ttieħed dan l-att u abbażi ta' kriterji partikolari għall-membri ta' dan il-grupp […] dawn il-persuni jistgħu jkunu kkonċernati individwalment minn dan l-att minħabba li jagħmlu parti minn *grupp limitat* ta' operaturi ekonomiċi" [128]. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement aċċettat inċidenza individwali fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kienu f'pożizzjoni li jkunu jafu, meta adottaw il-miżura kkontestata, liema impriżi, li n-numru u l-identità tagħhom kienu jidhru b'mod ċar, ikunu affettwati speċifikament mill-miżura [129].

190. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tat importanza partikolari liċ-ċirkustanza li l-kategorija ta' persuni li għaliha jappartjeni rikorrent hija magħmula minn *numru fiss* ta' persuni li *ma jistax jikber wara l-adozzjoni tal-miżura kkontestata* [130]. Dan instab li kien il-każ, b'mod partikolari, meta l-miżura kkontestata biddlet id-drittijiet miksuba mir-rikorrenti qabel

123 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (25/62, EU:C:1963:17, p. 107), u, iktar reċenti, tas-17 ta' Settembru 2015, Mory *et* vs Il-Kummissjoni (C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 93).

124 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

125 Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Telefónica vs Il-Kummissjoni (C-274/12 P, EU:C:2013:852, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

126 Ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Koninklijke Friesland Campina (C-519/07 P, EU:C:2009:556, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tat-18 ta' Mejju 1994, Codorniu vs Il-Kunsill (C-309/89, EU:C:1994:197, punt 19).

127 Ara s-sentenza tat-18 ta' Mejju 1994, Codorniu vs Il-Kunsill (C-309/89, EU:C:1994:197, punt 22).

128 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni (11/82, EU:C:1985:18, punt 31); tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum *1*87 vs Il-Kummissjoni (C-182/03 u C-217/03, EU:C:2006:416, punt 60); u tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (C-132/12 P, EU:C:2014:100, punti 59 u 60).

129 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali VerLoren van Themaat fil-kawża Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni (11/82, EU:C:1982:356, p. 218).

130 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lenz fil-kawża Codorniu vs Il-Kunsill (C-309/89, EU:C:1992:406, punt 38). L-enfasi hija tiegħi.

l-adozzjoni tagħha [131]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li teżisti inċidenza individwali meta l-att ikkontestat affettwa "numru fiss ta' [operaturi ekonomiċi] identifikati minħabba l-kors ta' azzjoni individwali" li huma kienu segwew jew tqiesu li segwew [132].

191. Madankollu, ċirkustanzi oħra jistgħu jkunu rilevanti wkoll taħt il-"formula tal-kawża Plaumann". Dan it-test huwa ċertament strett, iżda, għall-inqas apparentement, huwa wkoll relattivament miftuħ u flessibbli. Pereżempju, sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rikorrenti kinux individwalizzati biżżejjed b'miżura kkontestata, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni – waħedha jew flimkien ma' elementi oħra – jekk (i) ir-rikorrenti kinux ipparteċipaw fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tal-miżura [133], (ii) il-pożizzjoni tagħhom fis-suq kinitx "*affettwata sostanzjalment*" minn miżura *mmirata* [134], u/jew (iii) l-awtur tal-miżura kkontestata kienx meħtieġ li jqis is-sitwazzjoni speċifika tar-rikorrenti [135].

192. F'dan l-isfond, l-appellanti stabbilixxiet li hija individwalment ikkonċernata mill-miżura kkontestata?

193. Jidhirli li rnexxielha tagħmel dan.

194. Fl-ewwel lok, l-appellanti tappartjeni għal grupp ta' persuni li kien *magħluq u identifikabbli* fiż-żmien meta ġiet adottata l-miżura kkontestata. Fil-fatt, żewġ pipelines biss, fit-teorija, kellhom jiġu affettwati immedjatament mill-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Gass: Nord Stream 2 u t-Trans-Adriatic. Madankollu, peress li kienet diġà nkisbet estensjoni għall-pipeline tal-aħħar, huwa iktar xieraq li wieħed jitkellem dwar l-appellanti bħala l-*unika* kumpannija li tappartjeni għal dan il-grupp (purament teoretiku) ta' individwi affettwati mill-miżura kkontestata [136].

195. Fit-tieni lok, fid-dawl tas-sitwazzjoni fattwali tagħha, l-appellanti kienet f'ħafna modi f'*pożizzjoni unika* fir-rigward tal-miżura kkontestata. Fi żmien l-adozzjoni ta' din il-miżura u tad-dħul fis-seħħ tagħha, il-kostruzzjoni tal-pipeline tagħha ma kinitx biss bdiet, iżda kienet laħqet stadju avvanzat ħafna. Fl-istess ħin, madankollu, dan il-pipeline ma setax jitlesta qabel l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 49a tad-Direttiva dwar il-Gass. Konsegwentement, ir-reġim il-ġdid applika immedjatament għall-appellanti, li baqgħet bejn ħaltejn: la d-deroga u lanqas l-eżenzjoni stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Gass ma setgħu japplikaw.

131 Ara s-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2008:159, punt 72), u tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (C-132/12 P, EU:C:2014:100, punt 59).

132 Ara s-sentenza tat-18 ta' Novembru 1975, CAM vs EEC (100/74, EU:C:1975:152, punt 18). Bl-istess mod, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 1971, International Fruit Company *et* vs Il-Kummissjoni (41/70 sa 44/70, EU:C:1971:53, punti 17 u 18).

133 Ara s-sentenza tat-28 ta' Jannar 1986, Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni (169/84, EU:C:1986:42, punti 24 u 25).

134 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757, punti 50 sa 57). Bl-istess mod, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Asociación de Estaciones de Servicio de Madrid u Federación Catalana de Estaciones de Servicio vs Il-Kummissjoni (T-95/03, EU:T:2006:385, punti 52 sa 55).

135 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' April 2003, Il-Kummissjoni vs Nederlandse Antillen (C-142/00 P, EU:C:2003:217, punti 71 sa 76 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-3 ta' Frar 2005, Comafrica u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni (T-139/01, EU:T:2005:32, punt 110). Ara wkoll is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 1990, Weddel vs Il-Kummissjoni (C-354/87, EU:C:1990:371, punt 20 sa 22), u tal-15 ta' Ġunju 1993, Abertal *et* vs Il-Kummissjoni (C-213/91, EU:C:1993:238, punt 23).

136 Kif irrikonoxxut, pereżempju, mill-Kummissjoni nnifisha meta ressqet il-proposta tagħha għall-miżura kkontestata: ara l-Iskeda Informattiva tal-Kummissjoni Ewropea, "Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar il-Proposta tal-Kummissjoni biex temenda d-Direttiva tal-Gass (2009/73/KE)", MEMO/17/4422, tat-8 ta' Novembru 2017 (Tweġiba għall-Mistoqsija 10).

196. Ma tantx jista' jiġi kkontestat li l-appellanti *biss* kienet f'din il-pożizzjoni meta ġiet adottata l-miżura. L-ebda kumpannija oħra qatt mhu ser tkun f'din il-pożizzjoni fil-futur. Kwalunkwe pipeline ieħor (sew jekk mibni fil-passat jew li għandu jinbena fil-futur) jista' bħala prinċipju jibbenefika jew mid-deroga jew mill-eżenzjoni.

197. Fit-tielet lok, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni mhux biss kienu konxji li, bis-saħħa tal-miżura kkontestata, l-appellanti kienet ser tkun suġġetta għar-reġim legali li kien għadu kif ġie stabbilit, iżda aġixxew bl-*intenzjoni stess* li jissuġġettaw lill-appellanti għal dan ir-reġim il-ġdid [137]. Barra minn hekk, ninnota li l-appellanti pprovdiet, fl-ewwel istanza, diversi dokumenti, minbarra dawk eskluži mill-Qorti Ġenerali, li jissuġġerixxu li l-estensjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-gass għall-attivitajiet tal-appellanti kienet fil-fatt waħda mir-raġunijiet *ewlenija* (jekk mhux ir-raġuni ewlenija stess) li wasslet lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jadottaw il-miżura kkontestata [138].

198. Inżid ngħid, inċidentalment, li dan kollu jidher li huwa kwistjoni ta' għarfien komuni. Ħarsa fil-qosor lejn l-istampa u l-artikoli akkademiċi dwar l-adozzjoni tal-miżura kkontestata tidher li tikkonferma l-argument tal-appellanti dwar dan il-punt. F'dan ir-rigward, bilkemm għandi bżonn nindika li, sabiex jiġu stabbiliti l-fatti rilevanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tibbaża ruħha wkoll fuq kwistjonijiet ta' għarfien komuni [139]. Il-ġustizzja ħafna drabi tintwera bħala għamja. Madankollu, għall-inqas kif niftakarha jien, din l-allegorija ma hijiex intiża li tiġi interpretata bħala li l-Ġustizzja ma hijiex kapaċi tara xi ħaġa li hija kompletament ovvja għal kull persuna oħra.

199. Fir-raba' lok, minħabba l-istadju avvanzat fil-kostruzzjoni tal-proġett u l-investiment li diġà sar mill-appellanti fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miżura kkontestata, huwa evidenti li l-adozzjoni tal-miżura kkontestata għandha l-effett li teħtieġ lill-appellanti tintroduċi bidliet profondi fl-istruttura korporattiva u finanzjarja tagħha u fil-mudell kummerċjali tagħha – kollox fi żmien relattivament qasir peress li l-miżura kkontestata kellha tiġi trasposta f'madwar 10 xhur mill-adozzjoni tagħha [140]. Għalhekk huwa pjuttost ċar li l-miżura kkontestata mhux biss għandha l-kapaċità, iżda kienet maħsuba wkoll, li *taffettwa b'mod sinjifikattiv* il-pożizzjoni tas-suq tal-appellanti. L-appellanti tallega wkoll – mingħajr la hija kontradetta mill-appellati u lanqas mill-intervenjenti – li l-miżura kkontestata teħtieġ li jsiru bidliet f'diversi ftehimiet li kienet daħlet fihom qabel, u b'hekk tiġi affettwata pożizzjoni legali diġà stabbilita [141].

200. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, huwa diffiċli li tiġi prevista sitwazzjoni fejn, minkejja li l-miżura kkontestata hija ta' applikazzjoni ġenerali, tista' tiġi identifikata konnessjoni iktar ċara u speċifika bejn is-sitwazzjoni tal-appellanti u l-miżura kkontestata. Minħabba ċerti karatteristiċi speċifiċi tal-appellanti, u ċ-ċirkustanzi partikolari relatati mal-adozzjoni tal-miżura kkontestata,

[137] Ara, fost dokumenti oħra aċċessibbli liberament, (i) Skeda Informattiva tal-Kummissjoni Ewropea, "Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar il-Proposta tal-Kummissjoni biex temenda d-Direttiva tal-Gass (2009/73/KE)", MEMO/17/4422, tat-8 ta' Novembru 2017 (Tweġibiet għal Mistoqsijiet 8 sa 11), (ii) Mistoqsijiet tal-Parlament Ewropew, Tweġiba mogħtija mis-Sur Arias Cañete f'isem il-Kummissjoni Ewropea (E-004084/2018 (ASW)), tal-24 ta' Settembru 2018, u (iii) Briefing tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, EU Legislation in Progress, "Common rules for gas pipelines entering the EU internal market" (Regoli Komuni għal Pipelines tal-Gass li jidħlu fis-Suq Intern tal-UE), tas-27 ta' Mejju 2019, p. 2.

[138] Ara, speċjalment, it-Tweġiba mogħtija mill-Kummissarju għall-Enerġija Cañete u l-briefing tal-Parlament imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti. Ara wkoll id-deċiżjoni tal-Bundesnetzagentur imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 43 iktar 'il fuq.

[139] Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-28 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Xinyi PV Products (Anhui) Holdings (C-301/16 P, EU:C:2018:132, punt 78), u tal-20 ta' Marzu 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Litwanja (C-61/12, EU:C:2014:172, punt 62).

[140] Ara l-Artikolu 2 tal-miżura kkontestata. Interessanti li l-Istati Membri ngħataw perijodu madwar darbtejn l-ammont ta' żmien biex jittrasponu d-Direttiva dwar il-Gass (ara l-Artikolu 54 tagħha), u saħansitra żmien itwal biex japplikaw id-dispożizzjoni dwar is-separazzjoni (ara l-Artikolu 9 tagħha).

[141] Ara wkoll iktar 'il fuq, il-punt 96 ta' dawn il-konklużjonijiet.

il-pożizzjoni tal-appellanti fil-konfront ta' din il-miżura tista' tiġi distinta mill-pożizzjoni ta' kwalunkwe impriża oħra li hija, jew li ser tkun, suġġetta għar-regoli tad-Direttiva dwar il-Gass bis-saħħa tal-miżura kkontestata.

201. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nikkonkludi li, billi hija kkonċernata kemm direttament kif ukoll individwalment, l-appellanti għandha *locus standi* biex tikkontesta l-miżura kkontestata skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

B. Mertu tal-azzjoni

202. Fir-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti qajmet sitt motivi kontra l-miżura kkontestata.

203. Sabiex jiġu evalwati dawn il-motivi, tkun meħtieġa evalwazzjoni ddettaljata fid-dritt u fil-fatt tal-argumenti mressqa mill-partijiet kollha fil-proċeduri, fid-dawl tal-provi prodotti minnhom.

204. Fin-nuqqas ta' tali evalwazjoni fid-digriet appellat, l-istat tal-proċeduri ma jippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni finali f'din il-kawża.

205. Għaldaqstant, il-kawża għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali u l-ispejjeż jiġu rriżervati.

VII. Konklużjoni

206. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla d-digriet tal-20 ta' Mejju 2020, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-526/19, EU:T:2020:210);

– tiddikjara ammissibbli l-azzjoni għal annullament ta' Nord Stream 2 AG;

– tirrinvija l-kawża lura lill-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni dwar il-mertu; u

– tordna li l-ispejjeż jiġu rriżervati.